**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Novembru 2016**

**Kawza Nru. 14**
**Rik. Gur. Nru. 4/16 JZM**

**Joseph Azzopardi, K.I. 436676M, Albert Tabone, K.I. 139858M, u Paul Bezzina, K.I. 595577M f`isimhom proprju u fil-kwalita` taghhom ta` diretturi tas-socjeta` kummercjali Agostino Padre Limited (C60382)**

***kontra***

**Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors prezentat fil-5 ta` Jannar 2016 li jaqra hekk :–

*<u>XORTA TAL-ILMENT</u>*

*1. Illi r-rikorrenti qeghdin jipprezentaw dan ir-rikors a tenur tal-artikolu 73(1) tal-Kapitolu 37 u tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta` Malta peress illi r-rikorrenti jixtiequ jikkontestaw il-qbid tal-bastiment Agostino Padre u ta` kwantita ta` gas oil prezenti fuq l-istess bastiment, effetwat mill-intimat permezz ta` nota ta` qbid numru 188/2015, kopja annessa u mmarkata bhala dokument ittra "A"*

*<u>FATTI LI MINNHOM JINQALA L-ILMENT</u>*

*2. Illi skont ma jirrizulta mill-Memorandum and Articles of Association anness u mmarkat bhala dokument ittra "B" ir-rikorrenti personalment huma l-azzjonisti u d-diretturi tas-socjeta` Agostino Padre Ltd, bin-numru ta` registrazzjoni C 60382.*

*3. Illi skont ma jirrizulta anke mic-certifikat anness u mmarkat bhala dokument ittra "C" ir-rikorrenti socjeta` Agostino Padre Ltd, hija s-sid tal-bastiment Agostino Padre, registrat Valletta, Malta bin-numru ta` registrazzjoni 7916947.*

*4. Illi dan il-bastiment inxtara mis-socjeta` rikorrenti nhar it-8 ta` Ottubru 2013, kif rilevat mid-dokument annessa Dok "C".*

*5. Illi dan il-bastiment kien qieghed jithaddem permezz ta` kaptan u ekwipagg, u dan unikament ghall-attivita` konnessa mas-sajd u dan abbazi ta` profit sharing agreement kif addebitament licenzjat bir-referenza MFA6025.*

*6. Illi fit-30 ta` Novembru 2013, waqt spezzjoni minn ufficjali tad-Dwana ta` Malta, allegatament giet riskontrata divergenza bejn l-ammont u l-kwalita` ta` fuel abbord l-istess bastiment.*

*7. Illi fl-imsemmija gurnata tat-30 ta` Novembru 2013, in segwitu tal-intervent minn ufficjali tad-Dwana ta` Malta, issejhu l-Pulizija u nbdiet*

*Inkjesta Magisterjali, fejn minn fuq l-istess bastiment gie elevat dak il-likwidu kollu li kien jinsab fit-tankijiet tal-istess bastiment.*

*8. Illi skont in-Nota ta` Qbid (Dok "A") dan il-likwidu kien konsistenti f`total ta` 28,920 litru gas oil, li fil-fatt inaljenabbli, parti kbira minn dan l-ammont kien ilma, u parti sostanzjali ohra kienet sludge li jigi generat mit-thaddim ta` gas oil f`sistemi bhal dawk utilizzati fuq il-bastiment de quo.*

*9. Illi n-Nota ta` Qbid in kwistjoni lanqas ma tindika l-qbid tal-bastiment de quo, imma biss hija mahruga fuq l-allegat gas oil fuq l-istess bastiment.*

*10. Illi dak allegat in sostenn fl-istess Nota ta` Qbid jinghad li 13,989.3 litri huma gas oil li allegatament id-dazju, taxxi, sisa u VAT fuqha ma gewx imhallsa, allegazzjoni nfondata u nveritiera, billi l-istess bastiment xtara biss fuel minn Malta, minn proveditur awtorizzat u taht dawk il-kundizzjonijiet espressi tad-dipartiment tas-sajd.*

*11. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha dik id-dokumentazzjoni relattiva necessarji sabiex jikkonfermaw l-uzu u thaddim ta` gas oil mixtrija biss minn Malta matul il-ftit gimghat li l-istess bastiment kien qed jigi operat mis-socjeta` rikorrenti.*

*12. Illi b`kollox qed jigi allegat illi ma thallsux €5,629.00 f`Dazju tas-Sisa u €2.423.00 f`taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) fuq zjut minerali li allegatament ghandhom vaur totali ta` €7,834.00, ammonti nsinjifikanti meta mqabbla kemm mal-valur sostanzjali tal-bastiment Agostino Padre kif ukoll mal-introjtu tas-socjeta` rikorrenti nomine mit-thaddim tal-istess bastiment.*

*13. Illi permezz ta` Nota ta` Qbid nru 188/2015 mahruga nhar it-30 ta` Novembru 2013, mghoddija lir-rikorrenti, l-intimat ipproceda sabiex, a tenur tal-provvedimenti tal-ligi hemmhekk indikati, jissekwestra l-imsemmi bastiment Agostino Padre u l-likwidu fuqu riskontrat, proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti fuq ir-raguni moghtija "pussess ta` gas oil illegali".*

*14. Illi tali Nota ta` Qbid inharget mill-intimat minkejja li r-rikorrenti huma totalment estranji ghal fatti tant li mhux talli bl-ebda mod ma awtorizzaw jew approvaw l-allegati reati li permezz taghhom qed ikunu akkuzati l-imsemmi diretturi tas-socjeta` rikorrenti, talli l-anqas biss kellhom konoxxenza taghhom u lanqas ma kellhom il-pussess fiziku tal-bastiment in kwistjoni, kif ukoll dejjem ipprovdew li x-xiri tal-gas oil isir minn Malta skont id-dettami tad-Dipartiment tas-Sajd…*

*__LANJANZI TAR-RIKORRENT__*

*__ESTRANJETA` GHAL FATTI / NUQQAS TA` KONOXXENZA TAL-AGIR TA` TERZI__*

*15. Illi r-rikorrenti jsostnu bil-qawwa kollha li huma ma kellu l-ebda gharfien kif rikjest fl-Artikolu 68 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta` Malta li l-imsemmi bastiment proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti seta` b`xi mod ikun involut f`xi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana jew l-Att dwar id-Dazju u s-Sisa jew kwalsiasi ligi ohra u ghalhekk il-Qbid odjern huwa arbitrarju, ingust u l-fattispeci tal-kaz relattivament ghall-pozizzjoni tar-rikorrenti proprio et nomine huma tali li l-istess Qbid qatt ma kellu jsir fil-konfront tar-rikorrenti nomine.*

*16. Illi l-imsemmi bastiment kien qed jithaddem bis f`attivita` ta` sajd, minn kaptan u ekwipagg fuq bazi ta` profit sharing, fejn il-fatti juri car li dan il-bastiment ha biss gas oil mixtri minn Malta mill-proveditur awtorizzat skont il-ligi u li dak allegat mill-intimat huwa fil-fatt u fid-dritt mhux imputabbli lir-rikorrenti proprio et nomine.*

*17. Illi ghal kull buon fini jigi ndikat li f`dan l-istadju l-informazzjoni li qed tirrizulta lir-rikorrenti proprio et nomine hija li n-nuqqasijiet allegati mill-intimat lanqas ma huma mputabbli, lir-rikorrenti billi n-nuqqasijiet allegati huma dovuti ghall-agir ta` terzi li setghu bieghu gas oil mhux lecitu lir-rikorrenti ad insaputa taghhom.*

*18. Illi l-esponenti huma edotti mill-gurisprudenza ta` dawn il-Qrati li tista` tindika li kull qbid tad-Dwana huwa lecitu, izda jigi senjalat illi ricentement dan il-punt gie ccarat bl-izjed mod car mill-Onor. Prim` Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) meta fis-sentenza moghtija nhar*

*it-23 ta` Ottubru 2014 fl-ismijiet "Mario Falzon vs Kontrollur tad-Dwana et" (mhux appellata) enuncjat b`mod li ma jhalli l-ebda dubbju:*

*"Madankollu, id-deterrent jigi jghodd biss jekk kemm-il darba xi hadd jahbat difru mal-ligi: <u>kien ikun xort` ohra kieku s-sanzjoni tal-konfiska mahsuba fl-artikolu 68 tal-Ordinanza kienet tghodd ukoll ghal min ma jkunx kiser il-ligi. Izda din is-sanzjoni tghodd</u> **<u>biss</u>** <u>ghal min jikser il-ligi</u> (u l-prova ta` dan trid issir minn min jallega l-ksur ta` dik il-ligi) ..." (enfasi u sottolinear tal-esponent).*

*<u>KSUR TA` DRITTIJIET FUNDAMENTALI</u>*

*19. Illi kull interpretazzjoni differenti minn hekk u li b`xi mod, bhalma qed jittenta jaghmel l-intimat f`dan il-kaz, twassal ghal konfiska ta` beni ta` terzi mhux involuti fl-allegat ksur jew fin-nuqqas ta` tharis tal-ligijiet in kwistjoni, tammonta biss ghal vestigju tal-ligijiet drakonjani li jafu l-gherq taghhom fi zminijiet imbeghda meta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ma kienux rispettati u ma kienux igawdu l-protezzjoni akkordata fiz-zminijiet li qed nghixu fihom. Li jsegwu huma biss uhud mil-lanjanzi ta` indoli K`ostituzzjonali jew naxxenti mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem li jiskaturixxu minn kull interpretazzjoni (zbaljata) f`dan is-sens.*

*20. Fl-ewwel lok, ma ghandux ikun hemm dubbju li l-konfiska tal-beni kkominata mill-Kap 37 u l-Kap 382 gija ta` natura punitiva u penali – ara f`dan is-sens Ozturk vs Germania Q.E.D.B. 21.02.1984. Huwa ben risaput illi hadd ma jista` jigi assoggettat ghal pieni ta` natura penali kemm-il darba ma jinstabx hati ta` reat. Il-qbid u konfiska tal-bastiment Agostino Padre u l-likwidu ndikat, proprjeta` tar-rikorrent nomine ghalhekk tivvjola bl-izjed mod car l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*21. Fit-tieni lok, inoltre, il-konfiska ta` beni ta` terzi li, bhar-rikorrent proprio et nomine, ma jkunux involuti bl-ebda mod fl-allegat ksur jew nuqqas ta` tharis tal-provvedimenti tal-Kap 37 u/jew il-Kap 382 tal-Ligijiet ta` Malta minnha nnifisha hija wkoll lesiva tad-dritt ta` dak it-terz innocenti ghat-tgawdija pacifika ta` hwejgu taht l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni*

*Ewropea dwar id-Drittijiet u Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem – ara f`dan is-sens Sporrong & Lonnroth vs Svezia – Q.E.D.B. 23.09.1982*

*22. Hija lesiva ta` dan id-dritt ghaliex, fl-ewwel lok, ma ghandha l-ebda bazi fil-ligi. Imkien, frankament, ma hemm stipulat la fil-Kap 37 u lanqas fil-Kap 382 li jistghu jigi sekwestrati beni ta` terzi innocenti minhabba allegat ksur tal-istess ligijiet. Kienet biss l-interpretazzjoni, fl-umli opinjoni tal-esponenti, zbaljata li nghatat lil provvedimenti relattivi ta` dawn il-ligijiet mill-Qrati taghna li wasslet sabiex f`certu kazi, kien hemm rizultat differenti (Wiehed jispera illi in vista tal-enuncjazzjoni carissima tal-Prim` Awla tal-Qorti Civili – Gurisdizzjoni Kostituzzjonali fil-kawza Mario Falzon vs Direttur Generali Dwana hawn fuq imsemmija fis-sens li l-provvedimenti tal-konfiska japplikaw biss fil-konfront tal-akkuzat/i u mhux ta` terzi, tali interpretazzjoni zbaljata tigi ripudjata darba ghal dejjem). Id-deprivazzjoni ta` proprjeta`, hija materja odjuza ghall-ahhar, izjed u izjed meta l-beni in kwistjoni jkunu ta` valur sostanzjali. Wiehed bi dritt ghalhekk jistenna li l-bazi fil-ligi ghal konfiska ta` beni ta` terzi nnocenti ghandha tkun espressament indikata mil-ligi, xi haga li la l-Kap 37 u lanqas il-Kap 382 ma jipprovdux espressament ghaliha. Dan jammonta ghal ksur tal-hekk imsejjah "principle of lawfulness" stabbilit mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bhala wiehed mit-tlett principji kardinali naxxenti mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni (vide Sporrong & Lonnroth vs Svezia).*

*23. Barra minn hekk, fil-kaz in dizamina, hija lesiva drittijiet tar-rikorrent nomine peress li l-qbid u l-konfiska li jrid jeffetwa l-intimat Direttur Generali (Dwana) hija mizura ghal kollox eccessiva u sproporzjonata, specjalment meta wiehed iqis id-diskrepanza enormi bejn il-valur tal-bastiment Agostino Padre u l-ammont ta` taxxi li qed jigi allegat li ma thallsux, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt is-smigh tal-kawza.*

*24. Illi tali sproporzjonalita` tirrizulta wkoll mill-fatt li l-introjtu tar-rikorrenti u ghalhekk is-sors tal-ghixien tal-familji tar-rikorrenti gej mill-operat tal-bastiment Agostino Padre, tant li l-istess Inkjesta Magisterjali halliet l-operat tal-istess bastiment isehh taht diversi kawteli, u li ghalhekk il-qbid tal-bastiment in kwistjoni qed ikun ta` dannu ngenti u qed jirrizulta u ser ikun ta` piz sproporzjonat fuq l-azzjonisti u dan ghal nuqqasijiet li allegatament wettaq haddiehor. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li dan ma kienx il-kaz fejn il-vapur kien qed jigi operat f`xi operazzjoni kbira ta` kuntrabandu izda huwa kaz fejn il-vapur kien qed jopera kummercjalment u b`mod legittimu meta ghal xi raguni mhux fil-kontroll tar-rikorrent nomine ammont relattivament zghir ta` gas oil allegatament instab mhux konformi,*

*meta anke hawn hemm diskrepanza fil-kwantitajiet relattivi ta` gas oil u materjal likwidu iehor li l-istess intimat issekwestra, u li ghad ma tax kejl opportun tieghu. Lanqas ma huwa l-kaz fejn l-imsemmi bastiment intuza ripetutament sabiex tinkiser il-ligi izda si tratta ta` kaz izolat li fuqu r-rikorrent nomine ma kellu l-ebda kontroll. Lanqas ma kien hemm xi perikolu kbir ghall-erarju pubbliku, ghaliex relattivament l-ammonti li qed jigu ndikati mill-intimati huma relattivament zghar u facilment sormontabbli u solvibbli.*

*25. Dan b`riserva ghal-lanjanzi ulterjuri.*

***Konkluzjoni***

*26. Illi ghalhekk fic-cirkustanzi jirrizulta bic-car li l-agir tal-intimat Direttur Generali (Dwana) u l-hrug tan-Nota ta` Qbid 188/2015 mhux gustifikat u hemm lok ghar-rilaxx tal-bastiment u l-gas oil in kwistjoni.*

*27. Illi minkejja li gie debitament interpellat vide Dok 'D' sabiex tigi revokata n-Nota ta` Qbid Nru. 188/2015, l-intimat baqa` inadempjenti.*

*28. Illi a finijiet ta` valutazzjoni biss, jigi dikjarat li l-valur tal-bastiment Agostino Padre jiswa ferm izjed mill-ammont reklamat.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu li, prevja u moghtija d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u opportuni, din l-Onor. Qorti joghgobha :-*

*1. **TIDDIKJARA u tiddeciedi** li n-Nota ta` Qbid 188/2015 inharget ingustament, b`mod arbitrarju u minghajr gustifikazzjoni legali u effettiva fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk mhux gustifikat li tibqa` fis-sehh.*

*2. **TORDNA** konsegwentement ir-revoka tan-Nota ta` Qbid 188/2015*

*3.* ***TORDNA*** *lill-intimat jirrilaxxa l-bastiment Agostino Padre u l-likwidu mizmum fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onor. Qorti*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li sa minn issa jibqa ngunt in subizzjoni u b`riserva ta` kull azzjoni ohra spettanti lilu fil-konfront tal-intimat Direttur Generali (Dwana) u ta` terzi, senjatament izda mhux biss ghad-danni kollha li r-rikorrent nomine sofra u ghad jista` jsofri kagun l-agir illegali u abbuziv da parti tal-intimat Direttur Generali Dwana kif ukoll ghat-tharis tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent nomine kif naxxenti sija mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana) li kienet prezentata fl-1 ta` Frar 2016 li taqra hekk :–

*(1) Illi in linea preliminari, l-esponent jirrileva li t-talbiet kif dedotti fir-rikors in risposta jirreferu unikament ghan-Nota ta` Qbid li ghandha n-numru ta` referenza 188/2015 li permezz taghha l-esponent qabad [13,989] tlettax-il elf, disa` mija u disgha u tmenin litru gas oil sdazjat li nstabu fuq il-bastiment Agostino Padre u li ma kinux gew debitament dikjarati lill-awtoritajiet koncernati; filwaqt li fl-avviz li nghata mir-rikorrenti (DOK D ipprezentat mar-rikors promotur), ir-rikorrenti qed jinfurmaw lid-Dwana li ghandhom intenzjoni li se jikkontestaw in-Nota ta` Qbid bin-numru ta` referenza 189/2015 li qed tinnotifika l-qbid tal-bastiment Agostino Padre. Illi ghalhekk jidher li r-rikorrenti naqsu milli jaghtu avviz lid-Dwana li kien bi hsiebhom jikkontestaw in-Nota ta` Qbid 188/2015 filwaqt li r-rikorrenti naqsu milli jaghmlu talba skont il-ligi fir-rikors promotur in risposta, sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrevoka n-Nota ta` Qbid bin-numru ta` referenza 189/2015 li effettivament tirreferi ghall-qbid tal-bastiment Agostino Padre. Ghaldaqstant, jidher li r-rikorrenti ma ottemperawx ruhhom mal-Artikolu 28 tal-Kap 382 ;*

*(2) Illi fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar lanjanzi ta` drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-esponent jirrileva li f`dan l-istadju din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiddetermina kwistjonijiet ta` materja Kostituzzjonali ai termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja; liema lanjanzi gew inkorporati fir-rikors promotur in risposta li*

*jidher li sar a bazi tal-Kap 382. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju, l-esponent jirribatti l-allegazzjonijiet ta` ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bhala nfondati stante li f`dawn il-proceduri jirrizulta car li l-esponent mexa in ottemperanza mal-Kap 37 u 382; apparti l-fatt li dawn il-proceduri huma unikament konsegwenza tal-agir illegali tar-rikorrenti odjerni, u effettivament ic-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikoli 6, 7 u l-1 Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-fatt, ghandu jinghad li fi kwalunkwe kaz, l-imsemmija lanjanzi huma ntempestivi ghall-ahhar apparti l-fatt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jaghti lill-Istat id-dritt li jwettaq dawk il-ligijiet li jidrulu xierqa sabiex jizgura l-hlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet li certament ma jiffigurawx fil-kaz odjern peress li l-fatti tal-kaz jiskattaw minn azzjonijiet tar-rikorrenti li huma unikament imputabbli ghall-agir illecitu taghhom. Ghalhekk, l-argumenti tar-rikorrenti f`dan ir-rigward ukoll huma ghal kollox insostenibbl i;*

*(3) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

*(4) Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti :*

*(i) Illi fit-30 ta` Novembru, 2013, l-ufficcjali tad-Dwana fi hdan it-taqsima tal-Infurzar skoprew mill-investigazzjonijiet kondotti, li fir-rigward ta` dikjarazzjonijiet doganali li kien ghamel il-Kaptan koncernat a bazi tad-dokument maghruf bhala Ship`s Stores Declaration, li kien iffirmat mir-rikorrent Joseph Azzopardi, li abbord il-bastiment Agostino Padre kien hemm ammont sostanzjali ta` gas oil sdazjat u cioe` [13,989] tlettax-il elf, disa` mija u disgha u tmenin litru minn total ta` [28,920] tmienja u ghoxrin elf, disa` mija u ghoxrin litru li effettivament instabu abbord l-istess bastiment, li ma kienx gie dikjarat fuq l-imsemmi dokument; kif kellhom kull obbligazzjoni li jaghmlu a bazi tal-Artikolu 6(4) u (5) tal-Kap 37 ;*

*(ii) Illi fil-fatt jirrizulta li r-rikorrent Joseph Azzopardi kien iddikjara fuq id-dokument Ship`s Stores Declaration unikament [13,000] tlettax-il elf litru gas oil sdazjat ;*

*(iii) Illi mill-analizi tal-kampjuni rispettivi li ttiehdu minn fuq l-imsemmi bastiment Agostino Padre li huma mertu tal-azzjoni odjerna rrizulta s-segwenti :*

*in kwantu tal-gas oil li nstab fuq il-bastiment Agostino Padre kien gas oil li ma kienx konformi fil-kontenut tal-fiscal markers li suppost ikun fih skont il-ligi u ghalhekk kien iddahhal f`Malta bhala kuntrabandu ;*

*(iv) Illi mill-konkluzjoni tal-Inkjesta mill-Magistrat Inkwerenti Dottoressa Doreen Clarke datat 6 ta` Novembru, 2015, gie konkluz mill-provi migbura u mill-konstatazzjonijiet tal-esperti nkarigati mill-istess Qorti sabiex jirrelataw, li l-gas oil li nstab fil-bastiment Agostino Padre u go trakk bin-numru ta` registrazzjoni LCR 865 u bastiment iehor li kien involut fl-akkadut bl-isem Gold Finder; liema trakk u bastiment Gold Finder huma proprjeta ta` wiehed mir-rikorrenti Paul Bezzina, ma kienx konformi mal-provvedimenti doganali senjatament minhabba l-fatt li r-rikorrenti kienu qed jagixxu bi ksur tal-istess provvedimenti doganali ;*

*(v) Illi peress li sar tahlit u caqliq klandestin ta` gas oil li hu prodott soggett ghad-dazju tas-SISA, liema tahlit u caqliq sar bi ksur tal-provvedimenti doganali ai termini tal-Artikoli 60 (b)(h)(k), 62(a)(f)(g)(h)(i)(k)(m), 68(1) u 69(1)(2) tal-Kap 37 (l-Ordinanza tad-Dwana) u tal-Artikoli 16(1)(i)(j)(n), 17(1)(a)(d) u (2) kif ukoll tar-Regolamenti 25, 27(a)(b)(c) tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda Dwar Zjut Minerali tal-Kap 382 (Att dwar id-Dazju tas-SISA), l-esponent qabad l-imsemmi bastiment Agostino Padre li kien involut fiz-zamma u trasferiment illegali ta` gas oil sdazjat ;*

*(vi) Illi r-rikorrenti ntavolaw l-azzjoni odjerna sabiex jikkontestaw il-qbid tal-bastiment Agostino Padre fin-Nota ta` Qbid bir-referenza 188/2015.*

*(5) Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nsostenibbli peress li, a kuntrarju ta` dak li qed jigi allegat, irrizulta mit-testijiet xjentifici li ghamel l-espert inkarigat mill-Magistrat Inkwerenti l-Professur Alfred Vella li l-kampjuni ta` gas oil sdazjat elevati mill-bastiment Agostino Padre, li kollha ttiehdu fil-presenza ta` wiehed mir-rikorrenti Paul Bezzina, ma kinux konformi fil-kontenut tal-fiscal markers li suppost ikun fihom skont il-ligi u ghalhekk l-istess gas oil sdazjat kien iddahhal f`Malta bhala kuntrabandu ;*

*(6) Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti huma nsostenibbli wkoll, peress li dawn il-proceduri huma unikament konsegwenza tal-agir illegali tar-rikorrenti u li kieku ma giex skopert, kien se jissarraf f`telf sostanzjali fl-erarju pubbliku dovut bhala dazju tas-SISA u taxxa fuq il-valur mizjud a skapitu ta` utenti ohra fl-istess mistier, li del resto jottemperaw ruhhom mal-provvedimenti tal-ligi. Ghalhekk, l-argumenti tar-rikorrenti fis-sens li n-Nota ta` Qbid bin-numru ta` referenza 188/2015 inharget ingustament, b`mod arbitrarju u minghajr gustifikazzjoni legali effettiva u/jew addirittura li c-cirkostanzi odjerni jiksru b`xi mod id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ma jreggux stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*(7) Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li peress li l-imsemmija Nota ta` Qbid inharget sussegwentement ghall-akkadut u/jew li ma nghatawx ragunijiet ghal tali qbid ghandu jsegwi li hija nulla, hija nfondata wkoll stante li l-imsemmija kampjuni tal-gas oil ittiehdu fil-presenza ta` wiehed mir-rikorrenti Bezzina u ghalhekk hu kien informat bl-akkadat mill-bidu nett. Inoltre, jirrizulta li l-esponent hareg in-Noti ta` Qbid wara li giet konkluza l-Inkjesta Magisterjali datata 6 ta` Novembru, 2015, li kkonkludiet il-bastiment Agostino Padre flimkien mat-trakk bin-numru ta` registrazzjoni LCR 865 u l-bastiment l-iehor li kien involut fl-akkadut bl-isem Gold Finder (li huma proprjeta` tar-rikorrent Paul Bezzina) ma kinux konformi mal-provvedimenti doganali senjatament minhabba l-fatt li r-rikorrenti, kienu qed jagixxu bi ksur tal-istess provvedimenti doganali ;*

*(8) Illi ghar-ragunijiet fuq esposti jirrizulta li l-esponent ottempera ruhu mal-ligi u ghalhekk l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti li l-imsemmija oggetti ma kellhomx jigu maqbuda permezz tan-Nota ta` Qbid li qed tigi kontestata permezz tal-azzjoni odjerna ma jreggux. Inoltre, l-esponent jirribatti li ma jistax jigi mizmum responsabbli ghal xi danni kif jipprovdi fl-Artikolu 17(4) tal-Kap 382 ladarba agixxa b`mod car entro l-parametri tal-ligi ;*

*(9) Inoltre, l-esponent jirribatti li bid-dovut rispett, ir-referenza li ghamlu r-rikorrenti ghall-kaz deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civil (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Mario Falzon v Direttur Generali (Dwana) et certament ma jsostnix il-pozizzjoni tal-istess rikorrenti, peress li mill-konkluzjonijiet tal-Inkjesta Magisterjali ma jirrizultax li c-cirkostanzi odjerni jirriflettu xi kaz li fuqu r-rikorrenti ma kellhomx l-ebda kontroll u/jew li n-nuqqasijiet huma dovuti ghall agir ta` terzi li setghu bieghu gas oil mhux lecitu lir-rikorrenti ad insaputa taghhom u/jew li l-kaz b`xi mod jirraprezenta ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti a bazi tal-Artikoli 6, 7 u l-*

*Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, anke tenut kont tal-fatt li l-istess rikorrenti jakkwistaw gas oil sdazjat u kontrollat sabiex ihaddmu l-bastiment tas-sajd taghhom ;*

*(10) Illi l-lanjanza tar-rikorrenti fir-rigward tal-allegat nuqqas ta` konsapevolezza da parte tar-rikorrenti, fatt li qed jigi kontestat bil-qawwa, l-esponent jirribatti li lanqas din il-lanjanza ma treggi stante li x-xjenza hi abbinata mal-fatt li sar uzu konsapevoli mill-mezz tal-garr f`dan il-kaz l-Agostino Padre li nstabilha gas oil sdazjat minghajr id-debita dikjarazzjoni u awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet koncernati; liema gas oil sdazjat kienet tintilef kull traccja tieghu, li kieku ma gietx skoperta l-hazna u c-caqliq klandestin mill-ufficcjali tad-Dwana; u dan del resto kif anke kkonkludiet il-Magistrat Inkwerenti Dottoressa Doreen Clarke ;*

*(11) Salv eccezzjonijiet ulterjuri; jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru fl-udjenza tat-30 ta` Gunju 2016.

Semghet lid-difensur tar-rikorrenti tiddikjara fl-istess udjenza li bil-procedura odjerna r-rikorrenti kienu qeghdin jitolbu biss ir-rilaxx tal-bastiment *Agostino Padre.*

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. **Provi**

**Ir-rikorrent Joseph Azzopardi** xehed li huwa direttur tal-kumpannija proprjetarja ta` dghajsa bl-isem *Agostino Padre* li kienet tigbor il-gaggeg tat-tonn. Din id-dghajsa nxtrat fl-2013 minghand Ernest Galea u haddiehor. Spjega li din tinkera mal-gaggeg tat-tonn fejn tmur madwar tletin, erbghin jew hamsin gurnata darba fis-sena mal-Mare Blu Limited kif ukoll tinkera ghal sajd normali biex imbaghad jinbiegh l-hut f` Cipru u anke lokalment.

Spjega li sabiex jinxtara dak li jkollha bzonn id-dghajsa, huwa kien icempel lill-koperattiva tas-sajd nazzjonali u kien jinforma lil persuna tar-reception li hemm bzonn jintbaghat *fuel* fuq l-MFA-6025 (li huwa n-numru tal-bastiment bl-isem Agostino Padre).

Fisser li l-*fuel* kien jintbaghat fuq il-bastiment u mbaghad kien ikunu l-haddiema li kienu jiffirmaw il-karti sabiex il-bowser jitfa` d-*diesel* fil-lanca. Stqarr li l-pagament kien isir l-ewwel b` cekkijiet u sussegwentement, bdew isiru bank transfers dirett fuq il-kumpanija.

Qal illi d-dghajsa nxtrat bix-xaft maqtugh. Hadha ghand Cassar Ship Repair u x` hin issewwiet i-hsara, id-dghajsa giet mimlija *fuel* mill-Mare Blu peress li kienet ser tmur ghall-kirja tal-gaggeg tat-tonn.

Spjega li d-dghajsa marret ghax-xoghol u regghet dahlet lura. Imbaghad marret fuq bicca xoghol Kreta u anke Cipru. Spjega li intant huwa kien jigi infurmat kemm hemm bzonn *fuel* mill-inginier u huwa kien jinforma lil kooperattiva tas-sajd biex tibghat dan il-*fuel*.

Fisser li l-*fuel* dejjem kien jimtela Malta. Il-*fuel* irid jinxtara mill-koperattiva tas-sajd. Qal illi meta kienet tidhol id-dghajsa wara kull tragitt li taghmel, l-inginier kien jghidlu kemm kellu jiddikjara *fuel* u huwa kien jiddikjara minhabba d-dwana. Ikkonferma li kienu jimtlew xi karti u kien jiddikjara l-*fuel* biss. Darba minnhom, meta dahlet id-dghajsa minn xoghol

ta` sajd, saret inkjesta magisterjali peress li kien allegat li kien hemm *diesel* hazin - mhux lokali. Sahaq li huwa dejjem xtara *diesel* lokalment.

Xehed illi fil-vjagg in il-kwistjoni u qabel l-inkjesta magisterjali, id-dghajsa kienet marret ghal xi tlett ijiem Lampedusa u giet lura bla problemi. Wara li giet lura, biegh il-hut tal-pixkerija u anke siefer il-hut Cipru.

Spjega li huwa kien iddikjara l-*fuel* lid-dwana skont l-informazzjoni moghtija mill-inginier li kien jahdem maghhom. Iddikjara d-*diesel* li kien xtara minn Malta. Cemplulu biex javzawh li d-dghajsa kienet maqbuda. Mar Mifsud Verendah fejn kienet id-dghasja u sab ufficjali tal-pulizija u td-dwana. In segwitu ttiehdet post maghruf bhala "Tas-Siment" gewwa Kordin. L-ghada mar ghand l-Ispettur Yvonne Farrugia u ha mieghu r-ricevuti tal-*fuel* .

Qal illi ha lura d-dghajsa wara xi hames xhur wara diversi rikors li kien ipprezenta bil-kondizzjoni li kull dahla u harga tad-dghajsa tkun infurmata l-qorti u l-pulizija senjatament l-Ispettur Yvonne Farrugia. Spjega li d-*diesel* li kien hemm fuq id-dghajsa meta giet arrestata huwa kollu maqbud mid-dwana peress li gibduh minn god-dghajsa. Sar rikors biex id-dghajsa tigi rilaxxata peress li kienet waslet il-gagga tat-tonn. Huma nkarigaw l-istess ekwipagg li kien hemm fuq id-dghajsa biex imur ghall-gagga tat-tonn u mbaghad id-dghajsa ma baqghetx tithaddem aktar. Spjega li meta kien imur ghall-gaggeg tat-tonn, id-*diesel* kien jithallas u jirranga fuqu r-rapprezentant tal-Mare Blu. Il-*fuel* kien jigi supplit bil-bowser taghhom izda kien jithallas minn tal-Mare Blu. Din kienet timla t-tankijiet kollha tal-*fuel* .

Stqarr illi huma qatt ma fethu t-tankijiet tad-*diesel* u ma kinux jafu xi hmieg kien hemm fihom. Spjega li l-inginier kien qallu li kien hemm xi tankijiet b`*diesel* mahmug u li meta juzah, il-magna kienet tieqaf. Huma qatt ma gabu lis-supplier Falzon biex jigbed l-sludge kollu li hemm u jnaddaf it-tankijiet peress li bi tnejn jew tlett tankijiet biss kienu jahdmu.

Qal illi d-dghajsa kellha ma` l-erbghin sena izda huma akkwistawha fl-2013. Ilha wieqfa milli topera fuq sentejn. Qabel kienet ukoll ilha wieqfa minhabba hsara li fis-shaft. Bhala vjaggi li saru u fornituri li kellhom, kollox ikun registrat id-dwana, mal-Awtorita` tat-Trasport, u mal-Valletta Port Control. Kien fit-30 ta` Novembru 2013 meta gew infurmati li d-dghajsa kienet giet maqbuda. Wara r-rilaxx tad-dghajsa, ma baqghetx tintuza ghas-

sajd izda biss bhala dghajsa tat-tonn. Il-*fuel* rega` ttiehed biss f`zewg okkazjonijiet fl-2014 u fl-2015 minghand il-Mare Blu.

Fisser illi huma ghamlu l-manutenzjoni li d-dghajsa. Illum id-dghajsa tinsab taht il-kontroll taghhom. Huwa spejga li sa llum, huwa ma nghata l-ebda risposta dwar id-*diesel*. Meta kien ingibed id-*diesel* minn god-dghajsa, kienu prezenti hu u l-Ing. Karl Briffa. Kien hemm ukoll l-Ispettur Ferris li mar fid-dghajsa sabiex jistharreg jekk kienx hemm pajpijiet tal-kuntrabandu tal-*fuel* izda ma sab xejn. Biex ibattlu d-dghajsa sar uzu ta` pajp ta` t-tlett kwarti sakemm infethu l-manholes. Kellhom jaqilghu l-pajp tal-kumpressur biex hadu l-*fuel* minn god-dghajsa ghax id-dghajsa ma ghandha l-ebda outlet biex johrog id-*diesel* minnha.

Spjega li d-dghajsa ghandha t-toqob tal-fabbrika, msejha t-tappijiet, li hija sistema tal-hadid kollha wweldjata tal-fabbrika sabiex ikun jista` jidhol id-*diesel* fit-tankijiet. Id-dghajsa fiha sitt tankijiet isfel u *day tank* fuq li bih tahdem il-magna u l-accelator matul il-jum. Minn isfel ikollok il-main engine mqabbda bilfors biex ittella` d-*diesel* minn got-tankijiet ghal god-*day tank*. Fiha sitt ball valves u jinfetah dak li jkun hemm bzonn skont liema tank li jkun se jintuza. Huma qatt ma battlu t-tankijiet ; lanqas qatt ma naddfuhom. Lanqas is-sidien ta` qabel ma naddfu t-tankijiet. Mill-video li hadu l-pulizija kien jdiher li t-tankijiet qatt ma nfethu. Anke z-zebgha tidher friska.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehed li d-dghajsa dahlet lura Malta fit-30 ta` Novembru 2013. Qabel dan, kienet diga` ghamlet zewg tragitti bi 18,000 litru diesel. L-ahhar xirja ta` *fuel* minghand il-koperattiva tas-sajd kienet ta` 18,500 litri. L-ircevuta relattiva kienet ghand l-ispettur. Meta giet lura d-dghajsa, kien ghad fadal 13,000 litru peress li kien sar uzu minn 5,000 litri fuq zewg tragitti li ghamlet id-dghajsa. Qatt ma saret talba da parti tieghu lid-ipartiment tas-Sajd biex jittiehed gasoil sussidjat abbazi ta` kemm jinqabad hut. Kondizzjoni ohra ghar-rilaxx tad-dghajsa kienet illi tibqa` that il-bandiera Maltija u li la tinbiegh u lanqas tigi trasferita lil haddiehor. Ma sar l-ebda trasferiment ta` d-dghajsa. Id-dokument a fol 21 tal-process huwa l-bill of sale tal-akkwist tal-bastiment. Hadd mid-diretturi ma kienu jkunu prezenti abbord d-dghajsa waqt it-tragitti.

Qal illi l-assi ta` Agostino Padre Limited hija d-dghajsa bl-isem ta` Agostino Padre. L-ishma kien bejn tliet azzjonisti. Huwa ttrasferixxa l-ishma tieghu lill-Av.Graziella Attard. Ir-Registratur tal-Kumpanniji kien avzat bit-

trasferiment.. Huwa sostna li ma tax awtorizzazzjoni lil hadd biex jiftah kawza ohra fuq il-bastiment Agostino Padre biex tigi kkontestata n-nota ta` qbid. Illum ma kienx ghadu direttur ta` Agostino Padre. Meta saret din il-kawza kien kemm azzjonista kif ukoll direttur.

**<u>Ir-rikorrent Paul Bezzina</u>** xehed illi huwa ma jidhol xejn fir-rigward ta` *fuel* tant li lanqas biss huwa firmatarju tal-kumpannija. Lanqas ma kien jifforma parti mill-ekwipagg, li kien ingieb mill-Egittu wara decizjoni tas-sidien kollha. Meta nqala` l-incident in kwistjoni, kien diga` nbiegh il-hut. Kulma ma jafx huwa li kien mar l-Ing Karl Briffa u l-ufficjali tad-dwana u ghamlu gurnata shiha biex nehhew il-*fuel* minn got-tankijiet. Huwa kompla jghid li l-*fuel* ittiehed l-Enemalta. Hadd ma baghat ghalihom biex isiru testijiet fuq il-*fuel*. Hadd minnhom ma gie msejjah biex ikun prezenti meta saru t-testijiet fuq dan il-*fuel*. Huwa insista li hu u d-diretturi l-ohra ghamlu sentejn fl-ghama u ma jafux x`inhu jigri.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, stqarr illi fir-rigward ta` l-incident tat-30 ta` Novembru 2013, kien hemm involut il-work boat tieghu bl-isem Gold Finder u t-trakk iehor tieghu tad-ditta Isuzu. Tad-dwana, l-ewwel hadu l-Agostino Padre ; l-ghada hadu l-Gold Finder. Huwa kkonferma li t-trakk tieghu kien ipparkjat. Huwa cahad li mill-investigazzjonijiet irrizulta li t-trakk kien mimli ramel u li taht ir-ramel kien hemm tank mistur. Spjega li t-tank kien baxx u l-kaxxa kien hemm ir-ramla fuqha. Huwa kkonferma li t-trakk ma ghandhux licenzja biex igorr il-gasoil, izda kull meta nqala` xi incident taz-zejt, huwa dejjem gabru u dejjem ha hsieb li jarmih anke ghand Falzon. Huwa spjega li t-trakk kien trakk normali tal-gebel bil-high up izda ma kellux tail-lift. Meta ttiehdu kampjuni minn fuq it-trakk u l-Gold Finder, huwa kien prezenti. Kien ukoll prezenti meta ttiehed il-kampjun minn fuq l-Agostino Padre. Huwa ffirma n-nota tal-qbid.

Xehed illi t-trakk LCR 865 huwa proprjeta` tieghu. Dan it-trakk ma kienx modifikat. Huwa standard. Kull ma ghandu huwa tank sabiex meta l-bastiment jkollu sludge, dan jingabar fih. It-trakk hareg b` kaxxa normali u huwa pogga tank fil-kaxxa minghajr ma ghamel modifikazzjonijiet. Spjega li t-tank kien mghotti bir-ramel ghaliex huwa kien qieghed fuq xoghol il-Gharghur u kien ghadu kif ghabbieh bir-ramel. It-trakk gieli kien mghobbi bit-tyres jew bix-xikba.

Huwa kkonferma li ttrasferixxa l-ishma tieghu tal-kumpannija Agostino Padre Limited lill-Av Graziella Attard. Huwa ghamel kawza wahda

u ma tax permess lil xi hadd biex jiftah kawza ohra halli jikkontesta n-nota ta` qbid fir-rigward tal-Agostino Padre. Spjega li l-kawza li ghamel kienet fir-rigward tal-Gold Finder kontra d-dwana.

**Ir-rikorrent Albert Tabone** spjega li huwa wiehed mid-diretturi u azzjonisti tal-kumpannija rikorrenti ; id-diretturi u l-azzjonisti l-ohra kienu Joseph Azzopardi u Paul Bezzina. Qal li l-kumpannija rikorrenti ghandha assi wiehed biss li huwa l-bastiment Agostino Padre. Huwa ma kellu x` jaqsam xejn ma` l-operat. Kien jiehu hsieb il-marketing tal-hut. Il-bastiment huwa trawler u jistad ghall-hut tal-qiegh permezz ta` xibka li tingibed fuq il-qiegh tal-bahar. Il-hut li jinqabad huwa hut li jista` jinbiegh il-pixkerija. Spjega li tinqabad ukoll it-trilja l-hamra li tigi esporatata lejn Cipru. Huwa ghamel il-kuntatti ma` Cipru u kien jiehu hsieb li meta jidhol il-bastiment, dan jigi ppakkjat mill-ekwipagg stess, jintbaghat l-ajruport u wara kien jiehu hsieb li jigri wara l-hlas.

Stqarr illi ma kellux x` jaqsam ma` l-ingagg ta` l-ekwipagg. Joseph Azzopardi kien jiehu hsieb il-provizzjon u l-*fuel* apparti l-ingagg tal-ekwipagg. Lanqas kien jaf mnejn inxtara l-*fuel.* Huwa kien jiehu hsieb li d-dghajsa tahdem sabiex tkun tista` taqbad il-hut. Spjega li huwa qatt ma kien kkuntattjat mill-pulizija. Huwa kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikun jaf ghalfejn kienet inqabdet id-dghajsa. Huwa kellem lill-Ispettur tal-Pulizija nkarigata mill-kaz.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma li fil-mori tal-kawza huwa ttrasferixxa l-ishma tieghu fil-kumpannija rikorrenti lill-Av. Graziella Attard. Spjega li huwa u t-tnejn l-ohra kellhom weghda ta` bejgh ma` Av. Graziella Attard dwar l-ishma tal-kumpanija.

**Av Robert Vassallo** – rapprezentant ta` Transport Malta – xehed_li l-bastiment Agostino Padre huwa registrat fuq Agostino Padre Limited bhala sole owner. Kien registrat bhala proprjeta` ta` Agostino Padre Limited fl-2009.

Fil-**kontroezami**, stqarr illi l-Awtorita` tiehu hsieb l-ibhra interni u territorjali ta` Malta. Taghti l-clearance lill-bastimenti biex jidhlu u johorgu. Kellhom talba mid-Dipartiment tad-Dwana biex il-bastiment Gold Finder ma jithalliex johrog mill-port u ghalhekk gew involuti. L-Awtorita` rceviet ukoll il-freezing orders li dhalu fil-file tal-bastiment. Il-Gold Finder huwa

proprjeta` ta` Paul Bezzina. Ikkonferma li t-trakk LCR-865 registrat fuq Paul Bezzina kellu l-licenza skaduta fl-2014. Huwa registrat bhala trakk b` high up u tail lift. Mir-records jirrizulta li dan it-trakk ma kellux licenzja biex igorr il-gas oil. Biex jingarr il-*fuel*, solitament il-vettura tkun bowser u jkollha bzonn licenzja mill-Awtorita` tat-Trasport u mill-Awtorita` ghar-Risorsi.

Qal illi jekk ikun hemm sludge li jrid jigi trasportat, ikun hemm bzonn licenzja apozita jekk is-sostanza tkun perikoluza. Jekk dak it-tip ta` materjal jkun ser jigi trasferit x`imkien, hemm bzonn il-permess tal-MEPA bhala waste-carrier. Biex il-vettura tithalla tidhol fil-portijiet, irid jigi dikjarat li dan diehel ihott l-affarijiet u r-rimi u irid juri li huwa waste carrier.

**Stephen J Mifsud** - rappezentant tar-Regolatur dwar l-Energija u Servizzi tal-Ilma – xehed illi l-vettura Isuzu Nru LCR 865 mhijiex registrata biex iggorr u tittrasferixxi *fuel*. Kull vettura li tittrasporta *fuel* ghandha bzonn ta` permess li taghti servizzi ta` *fuel* distributor. Is-sid jew operatur ta` dik il-vettura Isuzu lanqas biss ipprezenta applikazzjoni biex ikun jista` jgorr il-*fuel*.

**Spettur tal-Pulizija Yvonne Farrugia** xehdet li hija stazzjonata fit-Taqsima ta` Kontra r-Reati Ekonomici.

Fit-30 ta` Novembru 2013, kienet infurmata minn ufficjali tad-Dwana li kienu wettqu spezzjoni fil-Marsa fl-inhawi maghrufa bhala Mifsud Verendah, fejn sabu li vann Isuzu Nru LCR 865 kien qed jitghabba *fuel* tal-kuntrabandu li mbaghad kien qed jinhatt minn fuq il-bastiment Agostino Padre tramite l-bastiment Gold Finder.

Minn stharrig irrizulta li l-Isuzu u l-Gold Finder huma proprjeta` ta` Paul Bezzina bin-numru tal-karta ta` l-identita` 595577M, li gharrfet bhala wiehed mir-rikorrenti waqt li kienet qeghda tixhed.

Qalet illi Bezzina ssejjah fuq il-post. Ufficjali tad-dwana spezzjonaw il-vettura, u sabu li l-vann kien mghobbi b` ramel. That ir-ramel instab tank b` zewg tappijiet li ukoll kienu mghottijin bir-ramel. Qalilha b`dan kollu Carmel Attard - ufficjal tad-dwana. L-Agostino Padre kien trakkat fl-inhawi ta` bastimenti ohra. L-Agostino Padre kien proprjeta` tal-kumpannija Agostino

Padre Limited, socjeta` li tappartjeni lir-rikorrenti Azzopardi, Bezzina u Tabone.

Kompliet tghid illi mad-dhul tal-Agostino Padre, Azzopardi kien iddikjara mad-Dipartiment tad-Dwana li ghandu abbord 13-il litru ta` gasoil izda s-suspett tal-ufficjali tad-Dwana kien illi kien hemm iktar *fuel* mghobbi fil-bastiment, ossija aktar milli gie ddikjarat.

Abbazi ta` di l-informazzjoni, infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa, Dr Doreen Clarke u saret inkjesta. Kienu mahtura l-Ing. Karl Briffa biex johrog struttura tal-vapur Agostino Padre u tal-Gold Finder ; Profs Vella sabiex jezamina l-kampjuni li ttiehdu minn Agostino Padre, Gold Finder u mit-trakk Isuzu ; Dr Martin Bajada biex jezamina l-VMS u GPS li kien hemm fuq iz-zewg bastimenti ; u ufficjali tas-SOCO biex jiehdu ritratti tal-bastimenti.

Qalet illi hija baghtet ghal Paul Bezzina ; dan kien arrestat, ma` l-ekwipagg ta` l-Agostino Padre li kienu sitt Egizzjani.

Tghid illi ttiehdu proceduri kriminali.

Tkompli tixhed illi fil-kors tal-investigazzjoni, sabet illi d-dikjarazzjoni tal-*fuel* kienet falza peress li nstab aktar *fuel* milli kien gie dikjarat.

Spjegat li Azzopardi dejjem innega illi kien innegozja kuntrabandu ta` *fuel*. Taha r-ricevuti ta` fejn kien jixtri l-*fuel*. Jidher illi l-*fuel* kien jinxtara minghand Mediterranean Offshore Bunkering Limited tal-Marsa.

Meta tkellmet mad-dirigenti ta` din il-kumpannija, kienet infurmata li meta jinxtara dak it-tip ta`*fuel*, malli jmur fuq il-bastiment, jinghata sample, kemm lill-persuna li tixtri u kif ukoll jinzamm sample iehor mill-kumpannija biex jiccertifika l-kontenut ta` dak il-gas oil.

Spjegat li meta talbet ghal din is-sample, Azzopardi sostna li kien jaghtiha lill-ekwipagg u l-ekwipagg sostna li dawn kienu juzawha biex jahslu idejhom.

Hija gabret il-kampjun minghand Mediterranean Offshore Bunkering Limited li kien ezaminat mill-Prof Vella..

Stqarret li meta kienet konkluza l-inkjesta, l-Magistrat sabet li kien hemm bizzejjed provi sabiex jinhargu akkuzi fil-konfront Joseph Azzopardi, Albert Tabone u Paul Bezzina peress li rrizulta li l-*fuel* ma kienx ta` komposizzjoni kif rikjesta mil-ligi.

Kompliet tixhed illi dawn it-tliet persuni tressqu quddiem il-Qorti fil-kamp kriminali.

Spjegat illi l-bastimenti kien rilaxxjat b`serje ta` kondizzjonijiet.

Fosthom kien hemm wahda li kienet tghid illi kellu jinhatt il-*fuel* kollu li kien hemm, liema hatt tal-*fuel* kellu jsir quddiem l-espert Ing. Karl Briffa.

Stqarret li meta inhatt il-*fuel* kien hemm prezenti is-sidien tal-bastimenti, rapprezentant mill-ufficju taghha, persuna mis-SOCO li ha ritratti, u rapprezentanti tad-Dwana.

Spjegat li l-*fuel* inhatt kollu go tankijiet appoziti u ttiehed l-Enemalta. Ipprezentat kopja tar-rapport li hejjiet ghall-Magistrat Inkwirenti.

**Prof Alfred Vella** xehed li huwa kien inhatar mill-Magistrat Inkwerenti sabiex jaghmel analizi ta` kampjuni ta` *fuel*s migbura minn diversi ingenji tal-bahar u tal-art, u jaghti valutazzjoni tan-natura tal-*fuel*s. Huwa pprepara zewg rapporti peress li kien intalab jaghmel analizi ta` kampjun iehor li kien mizmum go arkivju. Kellu ghaxar kampjuni ; l-analizi saret fuq erba` minnhom. Ghamel density u distillation tests skont standards partikolari b`referenza ghall-kontenut ta` kubrit u l-livelli ta` fiscal markers li huma materjali mizjuda artificjalment mal-*fuel*s biex iservu bhala indikaturi tan-natura taghhom. Huwa kkonferma bil-gurament ir-rapport li kien ghadda lil Magistrat Inkwirenti.

Stqarr li l-kampjuni nghataw lilu go kontenituri ssiggillati minn Carmel Attard. Seba` kampjuni wasslu fit-2 ta` Dicembru 2013 u tlett

kampjuni ohra fid-9 ta` Dicembru 2013. L-ahhar kampjun kien gabru huwa stess minn fejn kien jinstab arkivjat. Huwa qaghad fuq is-*samples* li tawh.

Fil-**kontroezami**, xehed illi l-kwistjoni kienet tittratta dwar gas oil li huwa forma ta` *fuel* huwa simili hafna ghal *fuel* iehor imsejjah *diesel fuel*, bid-differenza li mid-*diesel fuel* ikun tnehha l-kubrit li huwa gholi iktar fil-gas oil. *Diesel fuel* huwa dak li jitpogga fil-karozzi u huwa dak li meta jinharaq fil-karozza, jipproduci exhaust li jmur fl-arja fejn ighixu n-nies. Il-gas oil huwa intenzjonat unikament ghall-uzu marittimu fejn peress li fuq il-bahar ma jkunx hemm nies, jittollera livell oghla ta` emissijonijiet ta` kubrit. Gas oil huwa permess ukoll fil-kaz ta` certa fixed u stationery machinery. Fil-kaz tal-lum, il-*fuel* kollu kien tat-tip gas oil, jigifieri ta` livell ta` kubrit oghla minn dak li tiippermetti l-ligi. Spjega li n-*national marker* huwa kimika li huwa ma jkunx jafha u lanqas l-ufficjali tad-dwana ma jkunu jafu x` inhi. Jaf biss x` inhi n-*national marker* is-supplier li jbiegh il-prodotti biex jigi ddozat bih id-*diesel* jew il-gas oil. Is-supplier jaghti l-apparat ikkalibrat u trid tinxtara l-kimika biex tizdied kif ukoll l-apparat biex ikejjel il-prezenza taghha fid-*diesel*s. L-apparat jigi kkalibrat minn min ibiegh din il-kimika.

Fisser illi jsir dan kollu sabiex hadd ma jkun jista` jzid il-kimika gol-*fuel*. Stqarr li s-*sudan yellow* hija kimika maghrufa b` isem u kunjom li tista` iggibha minn hwienet li jbieghu l-kimici. Spjega li l-fatt li kien hemm *national marker* kwazi 25% biss ta` dak li suppost kien hemm ifisser li kien hemm konsenja ta` *fuel* lecitu u ohra li ma kienx fiha *national marker* u ghalhekk, gie mgebbed dak l-ammont li kien hemm tal-konsenja lecita bil-konsenja ta` kuntrabandu. Spjega li *sudan yellow* kien hemm izda n-*national marker* jonqos u ma jista` jaghmel xejn dwaru. Huwa kompla jghid li min iddozza s-*sudan yellow*, ukoll iddozah hazin ghaliex l-ammont kien eccessiv. Dan kollu jrid isir minn persuna li tifhem.

Qal illi fid-*day tank* tal-Agostino Padre, in-*national marker* kien bhal ` dak li wiehed isib fis-suq, izda fit-tankijiet l-ohra, is-sitwazzjoni kienet differenti. Kien hemm tlett tankijiet tal-plastik kbar li fihom in-*national marker* kien f` livell hafna nferjuri ghal dak li suppost kien, filwaqt li kien hemm marker iehor li kien f` livell oghla. Il-*fuel* li kien fid-*day tank* u li l-bastiment kien jinnaviga bih kien differenti minn li kien hemm fit-tankijiet. Dak li kien hemm fid-*day tank* kien lecitu. Tat-tankijiet l-ohra kien gas oil lecitu mhallat ma` gas oil illecitu.

Xehed illi ma kienx prezenti meta l-gas oil inhatt minn fuq il-lanca izda l-kampjuni li nghataw lilu kienu sigillati. Huwa ma vverifika xejn u bbaza ruhu fuq l-informazzjoni li nghata. Il-materjal li ngieb minn fuq il-vettura Isuzu kien tahlita ta` ilma u zjut, ossija sludge. Dan is-sludge ma setax jintuza biex thaddem xi haga u ghalhekk huwa qal li dak il-kampjun mhux relevanti ghal analizi ulterjuri. Spjega li jkun hemm experimental errors u jekk l-analizi jsiru ghal diversi drabi, ic-chances huma li l-mizurazzjonijiet ma jaghtux l-istess rizultati.

Stqarr illi f`tank li kien hemm mohbi fil-vettura Isuzu kien hemm materjal li kien fih in-national market f` livell kif suppost, mentri l-kubrit kien gholi u *sudan yellow* ma kienx hemm. Dan il-gas oil ma setax jintuza fil-karozza ghax kellu livell ta` kubrit li flok 0.001 kien 0.06. Tal-Gold Finder, kien aktar facli li tasal ghal konkluzjonijiet ta` malajr ghaliex il-*fuel* ma kellux il-markers li kien hemm fil-*fuel* tal-Agostino Padre. Ifisser li kien *fuel* irregolari ossija bil-kuntrabandu.

**<u>Gilbert Balzan</u>** - rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sajd – xehed illi l-Agostino Padre huwa proprjeta` ta` Agostino Padre Limited. Ilha registrata mill-11 ta` Ottubru 2013. Bastiment tas-sajd ghandu l-allokazzjoni tal-*fuel* marbut ma` kemm idahhal hut matul is-snin. Hemm rata li tinhadem sabiex ikun hemm allokazzjoni ghall-*fuel* fis-sens li jinghata *fuel* bla dazju. Stqarr li l-Agostino Padre qatt ma ghamel talba ghall-akkwist ta` *fuel* bla dazju.

**<u>Ing. Karl Briffa</u>** xehed li huwa kellu l-inkariku mill-Magistrat Inkwirenti li jmur abbord il-bastiment Agostino Padre u jkejjel il-*fuel* abbord. Il-bastiment kien marbut mal-moll ta` Ras Hanzir taht is-supervizjoni tad-Dwana. Kien hemm Carmel Attard, rapprezentant tal-Ispettur Yvonne Farrugi, u haddiema tal-Enemalta. Il-process ha iktar minn gurnata wahda. Fl-ewwel gurnata ittiehed sample direttament minn kull tank separat. Fil-bastiment kien hemm sitt tankijiet, tlieta fuq kull naha. L-inginier ta` abbord iddeskriva s-sistema kif jahdem u qallu li tlett tankijiet jintuzaw biex jiehu *fuel* nadif u tlieta ohra juzahom ghall-*fuel* mahmug. Dan kien membru tal-ekwipagg u kien cittadin tal-Egittu. Kompla jixhed li ttiehdu *samples* direttament minn kull tank, individwalment, taht is-supervizjoni tieghu. Dawn il-kampjuni gew siggillati quddiemu b`sigilli tad-dwana. Is-sample ttiehed f` Dicembru 2013.

Qal illi rega` inghata inkariku relatat mal-hatt tal-*fuel* li kien hemm abbord l-Agostino Padre, il-bastiment Gold Finder u abbord vettura Isuzu.

Kien Gunju 2014 li tbattal kollox. L-ewwel darba li kien kejjel l-*fuel* abbord l-Agostino Padre huwa kejjel 17,900 litri izda meta nhatt kollox mill-Agostino Padre kien hemm 28,920 litri. Kull tank kellu qisu marker imsejjah side gas meta taghfas taht jitla` skont kemm hemm likwidu go fih. Huwa qaghad fuqu bhala kwantita u kienu tkejlu 17,900 litri. Meta saru s-suctions minn got-tankijiet, infethu l-manholes, u gie ppumpjat kollox, instab li fl-Agostino Padre kien hemm 28,900 litri. It-tieni reading kien aktar preciz. Meta nfethu t-tankijiet, huwa rahom vojta. Dakinhar li nhatt l-Agostino Padre mill-*fuel*, inhattu ukoll il-Gold Finder u l-vettura. Kienu ghaddew minn Dicembru sa Gunju biex gie elevat il-*fuel*.

Stqarr li l-inginier Egizzjan qallu li kull tlett xhur inaddfu t-tankijiet, il-mahmug imur fit-tankijiet tal-mahmug, u wara jintrema` l-art. Talbu juri ricevuti tal-garr tal-isludge, izda ma tah xejn. Ma kellu l-ebda dokument li juri kemm kien rema` sludge l-art. Huwa ma staqsix lil xi hadd iehor mill-ekwipagg dwar id-differenza sostanzjali li kien hemm bejn 17,900 litri u 28,000 litri peress li l-ewwel qari huwa kien qaghad fuq il-kejl li kellhom it-tankijiet.

Fisser illi meta nhatt l-*fuel* kollu, il-qari ttiehed bl-istess sistema ta` qabel. L-ewwel il-*fuel* beda jinhatt mill-filling points, u tnizzel pajp twil gol-fillings points. Kif accertaw ruhhom li l-*fuel* huwa inqas mill-excess hole/ hatch, infetah il-hatch u ddahhal il-pajp direttament minn gol-hatch. Dawn l-excess hatches, jinfethu fil-kaz ta` emergenza jew ta` service. Huwa ma tax kaz jekk dawn il-hatches kinux bis-sadid jew bil-grease. Fuq l-Agostino Padre, kien hemm valve wiehed hdejn il-manhole. Kien hemm sistema ta` pajpijiet gejjin minn kull wiehed mis-sitt tankijiet, u wiehed jista` jqassam kif irid u jigbed minn fejn irid. Kien hemm valve li gibidlu l-attenzjoni dak il-hin dwaru u staqsa lill-inginier Egizzjan li qallu li dak jintuza biex ikun jista` jimla t-tankijiet. Spjega li mit-tlett tankijiet li gie nfurmat li jintuza ghal gas oil mahmug, hareg likwidu li kien jinxtamm qisu *diesel*. Huwa kkonferma li l-kampjuni ttiehdu taht is-supervizjoni tieghu. Originarjament tal-Enemalta riedu jaghmlu uzu ta` hand pump u jigbdu l-kampjun, izda huwa kien oggezzjona ; ghalhekk il-kampjun ittiehed direttament minn got-tank. Fl-Agostino Padre ma kienx hemm tankijiet maghrufa bhala IBCs ; dawn kienu fuq il-Gold Finder.

Fil-**kontroezami** stqarr illi meta ttiehdu l-kampjuni, is-sidien tal-Agostino Padre kienu dejjem prezenti. Ma jafx jekk inghatawx kampjuni lilhom ukoll. Huwa ma tahomx kampjuni lis-sidien. Mhux normali li fuq dghajsa tas-sajd, tank jitnaddaf kull tlett xhur ghax ma hemmx raguni

ghalfejn isir b` daqshekk frekwenza. Il-Kaptan Mark Chappell gie inkarigat biex jara kemm fuq vjagg partikolari jigi kkunsmat *fuel*.

**<u>Carmel sive Charles Attard</u>** xehed li fit-30 ta` Novembru 2013, waslet informazzjoni ghand id-Dwana li fl-inhawi ta` Mifsud Verendah fil-Marsa mal-moll kien hemm trakkat il-bastiment Agostino Padre, u minn abbord kien qieghed isir trasferiment ta` *fuel* ghal fuq bastiment iehor bl-isem ta` Gold Finder li kien trakkat fil-qrib tieghu. Wara li jinhatt ghal gol-Gold Finder, il-*fuel* kien qed jinhatt ghal go tank fuq vettura tat-triq. Fiz-zmien tal-kaz huwa kien jokkupa l-kariga ta` Manager – Infurzar – Dwana. Huwa ta struzzjonijiet lill-Ispettur fit-Taqsima tal-Infurzar tad-Dwana Jesmond Vella biex flimkien mat-tim tieghu jmorru fuq il-moll u jinvestigaw. Meta jkun hemm operazzjoni ta` hatt ta` *fuel* minn abbord bastiment, id-Dwana trid tkun taf bl-operazzjoni. Jekk *fuel* ser jintuza Malta irid jithallas id-dazju fuqu mentri jekk jintuza barra l-ibhra territorjali Maltin ma jkunx hemm hlas ta` dazju.

Kompla jixhed li Vella infurmah li meta wasal fuq il-post, ma kienet qed issir l-ebda attivita` bejn l-Agostino Padre u l-Gold Finder, izda kien osservat li mal-art fuq il-moll kien ghaddej pajp li kien jasal sa hdejn it-tinda u li gewwa t-tinda kien hemm trakk tal-ghamla Isuzu Nru LCR 865. Vella qal ukoll li fuq il-bastiment Gold Finder kien hemm ragel ta` nazzjonalita` barranija li cempel lil xi hadd Guzeppi, u dan min-naha tieghu ghaddielhom n-numru tat-telefon ta` Pawlu Bezzina li kien is-sid tal-bastiment Goldfinder u tat-trakk Isuzu. Ftit wara wasal fuq il-moll Pawlu Bezzina u gie mgharraf li kienet ser issir spezzjoni tat-trakk u tal-bastiment Gold Finder. Saret l-ispezzjoni u rrizulta li t-trakk kien mghobbi ramel u that ir-ramel kien hemm tank mistur li kellu zewg tappijiet minn fejn jista` jitbattal u jimtela. Fil-prezenza ta` Bezzina, l-ufficjali tad-Dwana elevaw kampjuni minn zewg kompartamenti tat-tank li kien mistur taht ir-ramel, kif ukoll mit-tank tal-vettura li kien iforni l-magna. Dawn kienu siggilati, inharget ricevuta u kampjuni nghataw ukoll lil Pawlu Bezzina.

Kompla jixhed illi ntalbet l-assistenza tal-pulizija mit-Taqsima ta` Kontra r-Reati Ekonomici. Huwa mar fuq il-post fejn iltaqa` ma` l-ispettur Yvonne Farrugia, li hadet it-tmexxija ta` l-investigazzjoni. L-ufficjali tad-dwana telghu abbord il-Gold Finder fil-prezenza ta` Pawlu Bezzina u minn hemm elevaw numru ta` kampjuni kemm mid-*day tank* kif ukoll minn kontenituri ohra tal-plastik li kienu abbord l-istess bastiment. Il-kampjuni gew kollha siggilati, u Pawlu Bezzina nghata ricevuta, kif ukoll kampjun ghalih. L-ufficjali marru fuq il-bastiment Agostino Padre fejn kienu staqsew

lill-kaptan tal-bastiment minn fejn kienu ser jelevaw il-kampjuni. Dan kollu sar fil-prezenza ta` Pawlu Bezzina u meta ttiehdu l-kampjuni, dawn gew siggilati fil-prezenza ta` Bezzina li ghal darb` ohra nghata rcevuta u kampjun.

Stqarr illi bhal fil-kaz tal-Gold Finder, fir-rigward tal-Agostino Padre ma setax isir kalkolu tal-kwantita` ta` *fuel* abbord il-bastiment, u ghalhekk l-Ispettur Farrugia ghamlet talba lill-Magistrat tal-Ghassa biex taghmel inkjesta u tahtar l-esperti biex jigi mkejjel il-*fuel* li kien abbord iz-zewg bastimenti. L-Ing. Karl Briffa gie appuntat biex jikkalkola l-*fuel* ; Profs Alfred Vella gie appuntat ghall-ezami tal-*fuel*s ; u Dr Martin bajada biex jaghmel analizi tal-komunikazzjonijiet. Il-kampjuni elevati nghataw lil Prof Vella.

Kompla jixhed li in segwitu l-Ispettur Farrugia taghtu struzzjonijiet biex jassisti lill-Ing. Karl Briffa meta jittiehdu kampjuni minn fuq l-Agostino Padre fil-prezenza ta` Pawlu Bezzina, u li dawn kellhom jittiehdu minn fejn jigi ndikat mill-espert tal-Qorti. Sar kollox taht is-supervizjoni tal-espert tal-Qorti u kien assistit minn Carmel Callus. Inharget ricevuta tal-kampjuni, u kampjun minn kull wiehed inghata lil Bezzina. Il-kampjuni mbaghad inghataw lil Prof Vella.

Fisser li l-investigazzjoni tad-dwana fil-kaz ta` l-Agostino Padre kienet tirrigwarda 13,000 litru gas oil li gew iddikjarati lid-dwana fis-ship store declaration meta l-bastiment wasal barra mit-territorju Malti. Spjega li din id-dikjarazzjoni giet iffirmat minn Joseph Azzopardi li huwa wiehed mid-diretturi ta` Agostino Padre Limited. Mill-ezami preliminari tal-kampjuni u mill-analizi tad-dwana li kienet taht is-supervizjoni ta` Prof Vella, diga` kien hemm indikazzjoni li l-kampjuni tal-*fuel* kienu qed jidhru li ma kienux regolari ghaliex il-markers taghhom ma kinux kif tirrikjedi l-ligi. Saru diversi laqghat mal-Ispettur Farrugia dwar l-andament ta` l-investigazzjoni. Il-pulizija nfurmawh li kien ittiehed kampjun minghand distributur lokali tal-fuel li huwa l-Island Oil Bunkers Limited u li dan il-kampjun kien mehud mill-istess konsenja li kien xtara Joseph Azzopardi qabel il-bastiment telaq minn Malta.

Stqarr li fl-1 ta` April 2014, il-Magistrat Inkwirenti laqghet it-talba ta` Joseph Azzopardi sabiex tirrilaxxa l-bastiment Agostino Padre tant diversi kondizzjonijiet fost li l-*fuel* kollu abbord jigi skarikat u trasferit fid-depot tal-Enemalta. Spjega li l-ammont skarikat kien ta` 28,920 litru li kien ferm

aktar mit-13,000 litru gas oil li gie ddikjarat lid-dwana. Mill-ammont ta` 28,920 litri, 13,998.3 litri rrizulta li kien *fuel* illecitu. Mill-ezami tal-kampjun li kien migbur minghand l-Island Oil Bunkers Limited irrizulta li dak il-*fuel* ma kienx kompatibbli mal-analizi tal-*fuel* li kienet saret fuq il-kampjuni li kienu migbura mill-Agostino Padre. Bhala konsegwenza, il-Kontrollur tad-Dwana hareg nota ta` qbid fuq l-ammont ta` 28,920 litri li minnhom 12,898.3 litri kien *fuel* illecitu filwaqt li harget nota ta` qbid ukoll fuq il-bastiment Agostino Padre peress li nghatat dikjarazzjoni falza fis-sens li meta dahal il-bastiment, kien dikjarat li kien hemm 13,000 litri ta` gasoil.

Stqarr li bejn Novembru 2013 u April 2014 (ossija d-data meta nhatt il-*fuel*), Agostino Padre gie trasferit fuq in-naha tal-*fuel* wharf taht l-ghassa stretta tad-Dwana u kien hemm il-bastiment l-iehor marbut mieghu. L-iskariku tal-*fuel* kollu sar taht is-sorveljanza tal-espert tal-Qorti. Spjega li l-*fuel*s kollha li jkunu ghall-uzu lokali, irid ikollhom in-national marker. Spjega li l-*fuel* li jinghata lil dawn il-vetturi huwa dak imsejjah EN 590 u jrid ikollu *national marker* u kubrit li jkun mhux aktar minn 0.001. Spjega li l-marine *diesel* irid ikun immarkat bir-red dye u jrid ikollu s-solvent yellow. L-ammont ta` kubrit jkun 0.01 ossija hafna oghla minn dak li jintuza ghall-vetturi. Spjega li dan it-tip ta` *fuel* ma jistax jintuza fil-karozzi ta` l-art.

Qal illi n-*national marker* huwa xi haga li lanqas id-Dwana ma taf il-komposizzjoni ghaliex dak ikun fil-kustodja tad-dwana b`sigil. Huwa l-manifattur li jissupplixxi li jaf il-komposizzjoni. Dan jigi minn barra apposta u jigi mhallat bid-dosing pumps. In-*national marker* jigi go kontenituri u mbaghad taht is-supervizjoni tad-dwana jkun ghand l-enemalta u jigi hemm mizjud tramite d-dosing pumps.

Fil-**kontroezami**, xehed illi l-*fuel* ghadu fil-pussess ta` l-Enemalta. Irrizulta li kienet saret dikjarazzjoni falza, u kif ukoll irrizulta li l-ammont ta` 28,920 litri kien jikkonsisti minn gas oil regolari mhallat ma` gas oil irregolari.

**Av. Martin Bajada** xehed illi huwa mar fuq il-bastimenti bl-isem ta` Gold Finder u Agostino Padre u minn fejn ha apparat elettroniku ta` navigazzjoni bil-ghan li jigi stabbilit fejn setghu marru dawn il-bastimenti. Huwa mar il-*fisheries*, minn fejn gab informazzjoni li tappartjeni ghal vehicle monitoring system imsejha VMS. Qal illi fishing vessel suppost jaghmel broadcast tal-pozizzjoni tieghu malli johrog mill-port Malti. Dan suppost ikun dejjem mixghul u l-Fisheries isegwu bis-sistema. Spjega li l-Fisheries jistghu

b`hekk ikunu jafu fejn hu l-bastiment il-hin kollu. Meta johrog mill-port, bilfors irid ikun mixghul u jigi tracked ; imbaghad meta jkun fil-port ma jibqax jigi tracked. Dan japplika ghal fishing boats ta` certu daqs u li huma Maltin. Hija l-Fisheries li tikkontrolla l-bastimenti Maltin.

Stqarr li l-Agostino Padre huwa fishing vessel kbir u l-Gold Finder kienet dghajsa li tassisti lill-bastiment il-kbir. Huwa ha GPS minn fuq il-Gold Finder, u GPS u tablet minn fuq l-Agostino Padre. Mill-Fisheries, huwa nizzel il-movimenti tal-Agostino Padre u gabar l-informazzjoni bejn it-22 ta` Gunju u t-2 ta` Dicembru. Il-konkluzjonijiet tieghu qeghdin fir-rapport tieghu.

Fil-**kontroezami**, Dr Bajada xehed li huwa gabar biss id-dokumentazzjoni u hareg xi mappi minn fuqha izda l-analizi ta` l-informazzjoni ma saritx minnu.

## III. L-ewwel eccezzjoni

L-intimat qieghed jibbaza l-ewwel eccezzjoni fuq l-Art 28 tal-Kap 382 li jaqra hekk :-

*(1) Kull min jippretendi li xi oggett maqbud ma kellux jigi maqbud (din il-persuna hi hawnhekk izjed `il quddiem f`dan l-artikolu u fl-artikolu 29 imsejha ``ir-rikorrent``) ghandu, fi zmien tletin jum mid-data tal-avviz tal-qbid jaghti avviz bil-miktub dwar dik it-talba lill-Kummissarju.*

*(2) Ir-rikorrent ghandu, fi zmien tletin jum mid-data li fiha jkun inghata l-avviz, jibda procedimenti fil-qorti civili kompetenti biex jigi dikjarat li dawk l-oggetti ma kellhomx jinqabdu, u fin-nuqqas jigi meqjus li t-talba tkun giet dezerta.*

*(3) Avviz skont is-subartikolu (1) ghandu jispecifika l-isem u l-indirizz tar-rikorrent u, fil-kaz ta` rikorrent li jkun barra minn Malta jew Ghawdex, l-isem u l-indirizz ta` persuna f`Malta li giet awtorizzata minnu biex tagixxi bhala l-prokuratutr tieghu u biex taccetta kull dokument li hu mehtieg li jintbaghat lir-rikorrent, u biex tagixxi f`isem ir-rikorrent.*

Irrizulta mill-provi hargu zewg noti ta` qbid : wahda bin-nru 188/2015 li kienet tirrigwarda gas oil li nstab fuq il-bastiment Agostino Padre (Dok A a

fol 9) u ohra bin-nru 189/2015 li kienet tikkoncerna l-qbid tal-bastiment Agostino Padre.

Minn ezami tat-talbiet tar-rikorrenti, jirrizulta li l-ewwel u t-tieni talbiet huma konsegwenzjali ghal xulxin, waqt li t-tielet talba hija separata u distinta, peress li jintalab ir-rilaxx tal-bastiment Agostino Padre u tal-likwidu maqbuda mill-intimat.

Minn ezami tal-premessi tar-rikors promotur, jirrizulta li l-procedura kienet inizjatata sabiex jinkiseb ir-rilaxx tal-bastiment u l-likwidu li kien hemm fuq dak il-bastiment.

**Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-kontenut ta` l-ittra mibghuta lill-intimat fl-4 ta` Dicembru 2015 ezebita bhala Dok D a fol 22 li fiha hemm referenza ghan-nota ta` qbid bin-nru 189/2015 fejn ai termini ta` l-Art 28 tal-Kap 382, Agostino Padre Limited infurmat lill-intimat illi kienet ser tipprocedi bi procediment appozitu quddiem il-qorti sabiex tikkontesta n-nota ta` qbid stante li l-oggett maqbud ma kellux jinqabad. Fl-ittra mkien ma hemm riferenza ghan-nota ta` qbid bin-nru 188/2015. Lanqas ma hemm msemmi likwidu maqbud. Kulma jissemma huwa l-bastiment Agostino Padre.**

Il-Qorti rat ukoll il-verbal tad-difensur tar-rikorrenti fl-udjenza tat-30 ta` Gunju 2016 fejn kien dikjarat li bil-proceduta tal-lum kien qed jintalab biss ir-rilaxx tal-bastiment Agostino Padre. Hadet ukoll konjizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li saru mid-difensur tar-rikorrenti fejn sostniet li r-referenza ghan-numru 188/2015 saret bi zball peress li dawn il-proceduri kienu ntizi biex jinkiseb biss ir-rilaxx tal-bastiment Agostino Padre.

Il-Qorti tinnota li minkejja dan kollu, ir-rikorrenti ma ressqux talba ghal-korrezzjoni fil-premessi u fit-talbiet sabiex dawn ikunu limitati biss ghan-nota ta` qbid bin-nru 189/2015.

Irrizulta wkoll illi qabel ma giet intavolata din il-procedura, kien prezentat rikors guramentat fil-15 ta` Dicembru 2015 mill-istess partijiet bin-nru 1190/2015 MCH. Il-kawza kienet tittratta n-nota ta` qbid bin-nru 189/2015 u saru talbiet kwazi identici ghal dawk mertu ta` l-procedura tal-lum. Tirreferi ghal dak esebit a fol 362. Hemm it-talba kienet limitata biss

ghar-rilaxx tal-bastiment Agostino Padre. Madanakollu, dik il-kawza kienet ceduta fit-8 ta` April 2016.

**Tenut kont ta` dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma li, minkejja dak rilevat mid-difensur tar-rikorrenti, ma kienx zball li saret referenza ghan-nota ta` qbid bin-nru 188/2015. Jidher car minn ezami tar-rikors odjern li t-talba kienet kemm sabiex jigi rilaxxat il-bastiment kif ukoll sabiex jigi rilaxxat il-likwidu maqbud bin-nota ta` qbid bin-nru 188/2015. Infatti, kif diga` nghad, fiz-zmien meta kienet prezentata din il-kawza, diga` kienet saret kawza ohra specifikament dwar in-nota ta` qbid bin-nru 189/2015. Ghalhekk il-Qorti assolutament ma taccettax li r-referenza li saret ghan-nota ta` qbid bin-numru 188/2015 fil-kawza tal-lum kienet zvista jew zball jew it-tnejn.**

**Ghalhekk fil-kaz tat-talbiet relatati man-nota ta` qbid bin-nru 188/2015, mhux sodisfatti r-rekwiziti tal-Art 28 tal-Kap 382.**

Irrizulta li n-nota ta` qbid bin-nru 188/2015 iggib id-data tat-18 ta` Novembru 2015.

Irrizulta wkoll illi fl-4 ta` Dicembru 2015 (Dok D a fol 22), intbaghtet ittra lill-intimat li fejn dan inghata l-avviz skont l-Art 28.

**Madanakollu jidher li, kif tajjeb osserva l-intimat, li huwa ma nghatax avviz dwar il-likwidu maqbud permezz ta` n-nota ta` qbid bin-nru 188/2015. L-avviz Dok D a fol 22 kien jirrigwarda <u>biss</u> il-bastiment Agostino Padre u n-nota ta` qbid bin-nru 189/2015.**

**Ghalhekk il-Qorti ssib li mhux sodisfatta *ad validitatem* r-rekwizit tal-Art 28(1) tal-Kap 382.**

Fil-kawza "**<u>Paul Bezzina vs Direttur Generali (Dwana)</u>**" li kienet deciza minn din il-Qorti (**<u>PA/AF</u>**) fit-12 ta` April 2016 kienet tittratta talba simili ghal din tal-lum fir-rigward tal-qbid tat-trakk Isuzu Nru LCR 865 u tal-bastiment Goldfinder li kienu involuti fl-istess incident. Hemm il-Qorti laqghet eccezzjoni preliminari skont l-Art 28 tal-Kap 382, peress li rrizulta li

minkejja li kien inghata l-avviz previst mis-subartikolu (1), l-azzjoni skont is-subartikolu (2) kienet upprezentata wara li skada t-terminu ta` tletin (30) jum. Ghalhekk il-Qorti laqghet l-eccezzjoni u ddikjarat dezerta t-talba.

**Il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz tal-lum, irrizulta ben evidenti li r-rekwizit tas-subartikolu (1) ma kienx osservat. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qeghda tkun milqugha.**

**Il-Qorti tghid illi l-procedura tal-lum hija *ad hoc* naxxenti minn *lex specialis* li ghandha titqies bhala *of strict application.***

**Ghalhekk ladarba d-dettami tal-ligi ma kienux segwiti, l-azzjoni tar-rikorrenti safejn din tirrigwarda n-nota ta` qbid bin-nru 188/2015 sejra tkun michuda.**

Jifdal il-kwistjoni relatata mat-tielet talba.

Il-Qorti tqis li ghalkemm ma hemm l-ebda referenza fir-rikors promotur ghan-nota ta` qbid bin-nru 189/2015, jemergi car li t-talba saret ukoll sabiex tinghata ordni ghar-rilaxx tal-bastiment Agostino Padre. Da parti tieghu, l-intimat sostna li ladarba ma hemmx talba sabiex tigi revokata n-nota ta` qbid bin-nru 189/2015, ir-rekwiziti ta` l-Art 28 ma gewx sodisfatti.

**Minn ezami tal-Art 28(2) tal-Kap 382, jirrizulta li l-procediment huwa sabiex jigi dikjarat li dawk l-oggetti ma kellhomx jinqabdu. Din il-Qorti tara li t-tielet talba safejn din titlob ir-rilaxx tal-bastiment tissodisfa r-rekwizit tas-subartikolu (2) stante li talba ghal rilaxx hija konsegwenzjali ghal dikjarazzjoni li l-oggetti ma kellhomx jinqabdu. Din il-Qorti ma tarax li n-nuqqas li saret referenza ghan-nota ta` qbid bin-numru specifiku taghha hija rekwizit li jrendi nulla jew mhux valida l-procedura.**

Din il-Qorti ssostni l-hsieb taghha billi tirreferi ghad-decizjoni ta` din il-Qorti (**<u>PA/MCH</u>**) tat-12 ta` Marzu, 2013 fil-kawza "**<u>Michael Mangion et vs Il-Kontrollur Tad-Dwana</u>**". Hemm saret riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-kawza "**<u>Priscilla Cassar et vs Kontrollur tad-Dwana</u>**" fid-29 ta` Jannar 2010 fejn inghad :-

*Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet doganali applikabbili u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu lura l-hwejjeg hekk ikkonfiskati." Inoltre fl-imsemmija sentenza nsibu li "Id-dmir tal-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi* ***hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota` ta` Qbid mahruga mill-intimat, izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika lqbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat.*** (enfazi mizjud)

**Mill-bqija, jidher li l-procedura skont l-Art 28 giet segwita fir-rigward tal-bastiment Agostino Padre. Sar avviz bil-miktub fi zmien tletin gurnata mill-hrug tan-nota ta` qbid bin-nru 189/2015 ai termini tas-subartikolu (1), u fil-5 ta` Jannar 2016, ossija qabel ma` skada t-terminu skont is-subartikolu (2) saret il-kawza tal-lum.**

**Ghalhekk il-Qorti sejra tkompli biex tqis ir-rikors tal-lum biss fejn jolqot it-talba ghar-rilaxx tal-bastiment Agostino Padre.**

## IV. <u>It-tieni eccezzjoni</u>

Fil-parti inizjali ta` din l-eccezzjoni, kien eccepiet li fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar lanjanzi ta` drittijiet fundamentali tal-bniedem, din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiddetermina kwistjonijiet ta` materja kostituzzjonali skont il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

Imbaghad l-eccezzjoni tkompli b`kontestazzjoni ta` l-allegazzjonijiet ta` ksur tad-drittijiet fundamentali.

Il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrenti mexxew abbazi tal-Art 73(1) tal-Kap 37 u tal-Art 28 tal-Kap 382.

Tant huwa hekk li dan kien premess immedjatament that it-titolu "Xorta tal-Ilment" fl-ewwel premessa tar-rikors promotur.

**Ghalhekk ir-rikorrenti ghamlu car li l-parametri tal-azzjoni kienu strettament civili, mhux kostituzzjonali.**

Huwa minnu li minn ezami tar-rikors promotur, jidher li l-lanjanzi tar-*rikorrenti huma (i) "Estranjeta ghal fatti/nuqqas ta` konoxxenza tal-agir ta` terzi"* u (ii) *"Ksur ta` Drittijiet Fundamentali"*.

Huwa minnu wkoll li fil-parti intitolata *"Ksur ta` Drittijiet Fundamentali"* kien allegat illi :-

(i) konfiska tal-beni ikkominata mill-Kap 37 u Kap 382 hija ta` natura punitva u penali u ghalhekk dawn huma lezivi ghall-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem gialadarba hadd ma jista` jigi assoggettat ghal pieni ta` natura penali kemm-il darba ma jinstabx hati ta` reat ;

(ii) konfiska ta` beni ta` terzi li ma jkunux involut bl-ebda mod fl-allegat ksur jew nuqqas ta` tharis ta` provveidmenti tal-KAp 37 u/jew Kap 382 tal-Ligijiet a` Malta hija leziva tad-dritt ta` dak it-terz innocent ghat-tgawdija pacifika ta` hwejgu taht l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Jeddijiet Fundamentali tal-Bniedem ;

(iii) hemm vjolazzjoni tal-"*principle of lawfulness*" stabbilit bhala wiehed mit-tlett principji kardinali naxxenti mill-artikolu 1 tal-ewwel protokoll ghall-konvenzjoni ;

(iv) hemm eccess u sproporzjonalita` meta wiehed iqies id-diskrepanza enormi bejn il-valur tal-bastiment Agostino Padre u l-ammont ta` taxxi li qed jigi allegat li ma thallsux u kif ukoll meta wiehed iqies li l-introjtu tar-rikorrenti u s-sors tal-ghixien tal-familji tar-rikorrenti gej mill-operat tal-bastiment Agostino Padre.

**Madanakollu, minkejja dan, ma tressqux talbiet sabiex jigi dikjarat li kien hemm vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif tutelati mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.**

Addirittura fl-ahhar parti tar-rikors promotur, saret riserva mir-rikorrenti ghal *"kull azzjoni ohra spettanti lilu fil-konfront tal-intimat*

*Direttur Generali (Dwana) u ta` terzi, senjatament izda mhux biss ghad-danni kollha li r-rikorrent nomine sofra u ghad jista` jsofri kagun l-agir illegali u abbuziv da parti tal-intimat Direttur Generali Dwana kif ukoll* ***ghat-tharis tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent nomine kif naxxenti sija mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta."*** (enfazi mizjud).

**Tant hu hekk li l-kwistjoni dwar allegat ksur ta` drittijiet fundamentali, ssemmiet biss minimament fl-ahhar zewg paragrafi tan-nota ta` sottomissjonijiet tar-rikorrenti konsistenti fi tnax-il pagna kif ukoll in breve waqt it-trattazzjoni orali.**

**L-enfazi dejjem kien fuq l-allegazzjoni li r-rikorrenti huma estranji ghall-fatti tal-kawza ; ir-rwol ta` l-atturi ; id-differenza fl-ammonti ta` *fuel* bejn l-ewwel u t-tieni spezzjoni fuq id-dghajsa ; u li d-dghajsa giet rilaxxata wara hames xhur mill-pulizija.**

Inoltre, kif qalet il-Qorti ta` l-Appell fid-decizjoni tas-27 ta` Mejju 2016 fil-kawza "**Michael Debono Limited et vs Awtorita` ta` Malta dwar L-Ambjent u l-Ippjanar et**" li kieku saret talba specifika, l-kawza kien ikollha tinbeda b`rikors kostituzzjonali. Ma sarx hekk peress li l-kawza giet msejsa fuq il-Kap 37 u l-Kap 382. Sahansitra baqa` mhux involut fil-kawza l-Avukat Generali.

Din il-Qorti taf bil-provvediment li nghata fl-14 ta` Mejju 2013 (**PA/JRM**) fil-kawza "**Mario Falzon vs Direttur Generali (Dwana)**" liema provvediment inghata wara talba maghmula lill-Qorti sabiex issib li l-Art 68 tal-Kap 37 fil-kaz tar-rikorrenti, jikser id-dritt tieghu ghat-tgawdija pacifika ta` hwejgu kif imhares bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni u l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni fejn inghad hekk :-

*Tqis li t-talba tar-rikorrent hija biex din il-Qorti tassumi s-setghat moghtijin lilha mill-Kostituzzjoni, biex tistharreg jekk il-"kwestjoni" mqajma minnu taghtix lok tassew ghall-ksur jew bizgha ta` ksur ta` jedd fundamentali tieghu mhares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni;*

*Illi din hija cirkostanza fejn il-kwestjoni tqajmet quddiem din il-Qorti u mhux kaz fejn qamet il-kwestjoni quddiem qorti ohra li ghaddiet b`Riferenza l-istess ghall-istharrig taghha (Ara art. 46(3) tal-kostituzzjoni u art. 4(3) tal-Kap 319).*

*Ghalhekk, ladarba din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni originali dwar ilmenti ta` ksur ta` jeddijiet fundamentali, ma hemmx htiega ta` Riferenza u, f'kaz li jinstab li l-kwestjoni mqajma m`hijiex wahda fiergha, din il-Qorti tassumi dawk is-setghat (Kost. 16.4.1999 fil-kawza fl-ismijiet Anglu Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et (Kollez. Vol:LXXXIII.i.52);*

*Illi kwestjoni bhal din ukoll meta mressqa quddiem din il-Qorti, trid tkun wahda li ma titqiesx semplicement fiergha jew vessatorja u trid tkun wahda "materjalment u intrinsikament konnessa" mal-mertu tal-kawza li tkun miexja u qieghda tinstema` minn din il-Qorti (Kost. 20.3.2000 fil-kawza fl-ismijiet Blundell vs Direttur tas-Sigurta` Socjali (Kollez. Vol:LXXXIV.i.1);*

*Illi huwa mizmum ukoll li l-kwestjoni tista` titqajjem minn kull parti fil-kawza, safejn kull parti tista` tkun "vittma" li ggarrab jew tista` ggarrab ksur ta` xi jedd fundamentali taghha marbut mal-mertu tal-kaz li jkun qed jinstama` minn din il-Qorti (G. Mifsud Bonnici Constitutional Procedure Relative to Fundamental Rights and Freedoms (2nd Edit,2010) pag. 73;*

*Ir-rikorrent isemmi lista ta` kazijiet fejn dan sar ukoll fuq talba tal-parti attrici f'kawza quddiem din il-Qorti (P.A. (Kost.) RCP 27.10.2011 fil-kawza fl-ismijiet Carmelo Massa et vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30.4.2012);*

*Illi l-kwestjoni tista` titqajjem f'kull waqt tal-kawza, imqar fi stadju matur taghha, izda mhux permezz ta` semplici sottomissjoni tal-gheluq u, preferibilment, billi titressaq talba formali ghal dan (Kost. 3.12.2010 fil-kawza fl-ismijiet John Spiteri vs Denise Camilleri)….*

*Illi fil-kaz li l-Qorti ghandha quddiemha llum, ir-rikorrent qieghed jitlob ir-rilaxx tal-vettura li nqabdet mill-intimat wara li fiha nstabu oggetti li fuqhom instab li ma kienx thallas id-dazju. Ghal din it-talba, hemm ix-xkiel mahluq mill-artikolu 68 tal-Ordinanza, li jaghmilha tassattiva li l-vettura tkun konfiskata. Ghalhekk, il-kwestjoni mqajma mir-rikorrent (li wkoll issemmiet passim fir-rikors promotur) tolqot il-qofol tal-azzjoni tieghu. Ghalhekk, ma jista` bl-ebda mod jinghad li t-tqanqil tal-"kwestjoni" huwa wiehed fieragh jew vessatorju."*

Ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex fil-vesti kostituzzjonali taghha tistharreg l-ilment tar-rikorrent li, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu, l-Art 68 tal-Kap 37, safejn jistipula l-konfiska tassativa tal-vettura li fiha nstabu l-oggetti li fuqhom allegatament ma kienx thallas dazju jikser il-jeddijiet tieghu tat-tgawdija ta` hwejgu kif imharsin bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.

Madanakollu li gara f`dik il-kawza kien li saret kawza a tenur tad-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap 37 u fil-mori tqajjmet referenza kostituzzjonali li dik il-Qorti ddecidiet li tista` tiddeciedi hija stess, qabel ma tkompli bis-smigh tal-kawza originali. Imbaghad il-Qorti ghaddiet biex tat decizjoni fil-mertu dwar ir-referenza kostituzzjonali fit-23 ta` Ottubru 2014 u imbaghad ipprosegwit bis-smigh tal-kawza originali. Il-mertu tal-kawza originali ghadu mhux deciz.

Fil-kaz tal-lum, ghalkemm issemmew fir-rikors promotur allegazzjonijiet ta` ksur ta` drittijiet fundamentali, ir-rikorrenti qatt ma talbu li ssir referenza kostituzzjonali ; sempliciment argumentaw fit-trattazzjoni taghhom li din il-Qorti ghandha tidhol biex tezamina tali allegazzjonijiet kostituzzjonali.

Din il-posizzjoni tar-rikorrenti mhijiex kondiviza minn din il-Qorti peress li hija tal-fehma li din tal-lum ma kenitx il-procedura idoneja sabiex ir-rikorrenti jgibu `l quddiem dawk il-lanjanzi.

**Kienu r-rikorrenti li gabu l-azzjoni taghhom kif dedotta u cioe` fuq il-parametri tal-Kap 37 u tal-Kap 382. Ghax hekk sar, il-Qorti trid toqghod fil-parametri ta` dak li stabbilew l-atturi stess. U mhijiex sejra tmur oltre.**

**Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa` l-ewwel parti tat-tieni eccezzjoni tal-intimat, bil-konsegwenza li mhijiex sejra tqis kwalsiasi lanjanzi ta` natura kostituzzjonali jew konvenzjonali.**

## V. Il-mertu

Ir-rikorrenti qed jitolbu r-rilaxx tal-bastiment proprjeta` ta` Agostino Padre Limited.

Mill-provi akkwiziti, irrizulta li saru investigazzjonijiet minn ufficjali tad-Dwana fi hdan it-Taqsima tal-Infurzar fid-dawl ta` dikjarazzjonijiet li ghamel sid il-bastiment Agostino Padre dwar *gasoil* li kien hemm abbord l-istess bastiment.

Fit-30 ta` Novembru 2013 waqt spezzjoni kienet riskontrata divergenza (i) bejn l-ammont ta` *fuel* abbord l-istess bastiment u l-ammont ta` *fuel* dikjarat minn Joseph Azzopardi fis-Ship`s Stores Declaration ; u (ii) fil-kwalita` tal-*fuel* abbord.

Irrizulta li s-sidien tal-bastiment kienu gew msejha fuq il-post minn ufficjali tad-dwana u saret spezzjoni quddiemhom. Wiehed minnhom, precizament Paul Bezzina, anke nghata kampjuni tal-*fuel* li ttiehdu minn fuq dan il-bastiment.

Saret inkjesta magisterjali fejn kienu appuntati numru ta` esperti li uhud minnhom xehdu fil-kawza tal-lum.

Irrizulta li abbord l-Agostino Padre kien hemm 28,920 litri ta` *gasoil* u dana kuntrarjament ghal dak dikjarat minn Joseph Azzopardi fuq id-dokument *Ship`s Stores Declaration* datat 30 ta` Novembru 2013 fejn kienu dikjarati biss 13,000 litru *gasoil.*

Per konsegwenza kien hemm 15,920 litru ta` *gasoil* sdazjat li ma kienu dikjarati mkien.

Irrizulta li in segwitu ghal analizi tal-kampjuni mehuda mill-*fuel* abbord il-bastiment, il-Prof Alfred Vella, espert fl-inkjesta magisterjali, ikkonkluda li in kwantu ghall-*gasoil* li kien instab fuq il-bastiment Agostino Padre, l-istess *gasoil* ma kienx konformi fil-persentaggi tal-markers doganali li suppost ikun fih skont il-Kap 382 u ghalhekk fl-assenza tal-persentaggi kif rikjesti mil-ligi, irrizulta mill-analizi li kien iddahhal f` Malta bhala *gasoil* tal-kuntrabandu.

Ighid Prof Vella :

*(a)* *il-Fjuwils fuq l-Agostino Padre*

*(i)* *Il-fjuwil misjub fid-day tank tal-Agostino Padre, cjoe, dak il-fjuwil illi dan il-bastiment kien qed juza biex ihaddem il-magni tieghu kien dak li kien f` kontenitur bis-sigill 0011918 (=0011880). Dan il-fjuwil kellu fih ammonti li huma fin-norma ta` National marker u l-kimika Sudan Yellow u kellu wkoll il-kolorant ahmar. Il-livell ta` kubri li kien fih dan il-fjuwil, cjoe*

*0.082%, kien ukoll skont in-norma ghal gas oil. Dan il-fjuwil ghandu l-karatteristici illi d-Dipartiment tad-Dwana jiddeskrivi bhala dawk ta` "gas oil duty rebate" li hu pprovdut ghal uzu lecitu minn certi utenti, fosthom is-sajjieda.*

*(ii) Il-fjuwils li nstabu mill-Ing Karl Briffa f` takinjiet tal-Agostino Padre li kienu jinsabu, rispettivament, fit-tank A (starboard middle), sigill 0011909 (=0011838)l fit-tank B (port middle) sigill 0011996 (=0011998) u fit-tank C (starboard forwad) sigill 0011913 (=0011955) kien fihom il-kolorant ahmar, koncentrazzjoni hafna oghla milli suppost ta` Sudan yellow u koncentrazzjoni hafna inqas milli suppost ta` National marker u kontenut ta` kubrit li hu fil-limitu permess fil-gas oil.*

*Fl-opinjoni tal-esponent, dawn il-fjuwils ma kienux konformi fil-kontenut ta` fiscal markers li suppost ikun fihom skont il-ligi u b` hekk jidher li kienu fjuwils kuntrabandu.*

*L-esponenti jinnota illi mit-tlett kimici li jintuzaw bhala fiscal markers, wiehed biss, li hu n-National marker, hu strettament ikkontrollat u ma jistghax jigi akkwistat fil-kummerc liberalment. It-tnejn l-ohra u cjoe` l-kolorant ahmar u s-Sudan Yellow jsistghu jinxtraw minghajr kontrolli. B` hekk jidher illi l-gas oil fil-kampjuni A, B u C li nsabu fuq l-Agostino Padre setghu kienu gew kontrafatti sabiex jidhru bhallikieku fihom il-fiscal markers kompatibbli ma` gasoil duty rebate billi gas oil li kien fih in-National marker e.g. gas oil duty paid jew anke gas oil duty rebate, gie mizjud b` ammont ta` gas oil li fuqu ma kienx thallas dazju u li ma kienx fih ebda fiscal markers u din it-tahliet giet iddozata bil-kolorant ahmar u bis-sudan yellow, liema doza ta` Sudan yellow kienet kbira wisq.*

*Li kieku l-fluwil lecitu li kien hemm fid-day tank ta` fuq l-Agostino Padre kien dak li gie uzat biex isir dan it-tahlit, allura tahlita ta` 21.4 % minn da nil-fjuwil ma` 78.6% ta` gas oil minghajr National marker u li fih hemm 0.060% kubrit kien jaghti tahlita li kienet tigi b` komposizzjoni ta` national marker u kubrit identika ghal dik li nstabet fit-tank A tal-bastiment.*

*Bl-istess ragunament, biex tifforma fjuwil bhal ma nstab f` tank B tal-Agostino Pdre minn tahlita ta` fjuwil identiku ghal dak li l-bastiment kellu fid-day tank u fjuwil minghajr fiscal marker li kien fih 0.066% kubrit, wiehed irid ihallat 29% ta` fjuwil bhal dak tad-day tank ma` 71% minn dak li ma fihx marker. U ghall-fjuwil li nstab f` tank C, 36% ta` fjuwil bhal dak tad-day tank ma` 64% ta` fuel b` koncentrazzjoni ta` kubrit ta` 0.046%." (Fol 137 et seq)*

Prof Vella ghamel analizi tal-*fuel*s misjuba fuq il-bastiment Goldfinder u anke fil-vettura Isuzu LCR 865 u sab li kien hemm tahlit bejn *fuel*s li fuqhom thallas dazju ma` *fuel*s tal-kuntrabandu.

Irrizulta li wara l-inkjesta, hargu akkuzi kontra r-rikorrenti.

Infatti bdew proceduri kriminali illi jidher li ghadhom pendenti.

Fl-inkjesta irrizulta illi l-*gasoil* li nstab fuq il-bastiment Agostino Padre, fuq it-trakk Isuzu bin-numru ta` registrazzjoni LCR 865 u l-bastiment bl-isem Gold Finder, ma kinux konformi mal-provvedimenti doganali senjatament minhabba l-fatt li r-rikorrenti kienu qed jagixxu bi ksur tal-istess provvedimenti doganali peress li r-rikorrent Joseph Azzopardi kien ghamel dikjarazzjoni skorretta fir-rigward tal-kwantita` li hu ddikjara mal-wasla tal-imsemmi bastiment Malta, kif ukoll minhabba l-fatt li l-istess *gasoil* sdazjat instab li ma kellux il-persentaggi tal-fiscal markers doganali li suppost ikun fih skont il-Kap 382 : *"Illi mill-provi migbura u mill-kostatazzjonijiet ta` l-esperti nominate jidher li l-fuel li nstab fil-bastiment Agostino Padre u Goldfinder, kif ukoll fil-vettura ta` tip Isuzu LCR 865 ma kienx konformi mal-ligi. Aktar minn hekk, tenut kont ta` l-ammonti ta` fuel li nstabu u fejn instab, jidher li s-sidien tal-bastimenti u l-vettura imsemmija kienu qed jagixxu bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 37 u konsegwentement ghandhom jinbdew proceduri penali kontra taghhom."* (fol 36 et seq).

L-intimat qaghad fuq ix-xiehda li jaghmlu parti mill-inkjesta magisterjali sabiex jipprova illi l-*gasoil* sdazjat in kwistjoni ma kienx Malta b` mod legittimu u kien tal-kuntrabandu.

**Daqstant ghall-posizzjoni tal-intimat fil-mertu.**

Fil-kaz tar-rikorrenti, ir-rilaxx tal-Agostino Padre qed jintalab ghal dawn ir-ragunijiet :-

**(1) <u>Ghaliex ir-rikorrenti huma estranji ghal fatti tal-kaz u ma kellhomx l-gharfien imsemmi fl-Art 68 tal-Kap 37</u>**

Ir-rikorrenti jikkontendu li l-irwol taghhom kien illi jqabbdu ekwipagg sabiex jaghmel il-vjaggi ghas-sajd u jixtru u jaghmlu kulma jkun hemm bzonn sabiex id-dghajsa tkun tista` tmur tistad minghajr problemi ta` xejn.

**Il-Qorti tirreferi ghall-Art 68 tal-Kap 37.**

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

*(1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta` garr, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib, fit-tizmim, fil-habi, jew fil-garr ta` oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska ghandhom jigu kkonfiskati: Izda, ebda bastiment ma jkun suggett ghal konfiska taht id-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta` purtata anqas minn mitejn u hamsin tunnellata.*

*(2) Ghal dawk li huma bastimenti ta` mitejn u hamsin tunellata jew izjed, il-Kummissarju, f`kull kaz li fih, fil-fehma tieghu, xi ufficjal responsabbli ta` dak il-bastiment ikun, b`eghmil jew bi traskuragni, imdahhal fil-fatt, jista` jipprocedi bil-mod kif jinghad fl-artikolu 66, u bla hsara tal-appell imsemmi f `dak l-artikolu, ghall-kundanna ta` dak il-bastiment f`somma ta` hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000).*

*U ghal dan il- hsieb, il-Kummissarju jista` jitlob, fil-kaz ta` bastiment imsemmi f`dan issubartikolu, li tigi mqieghda f`idejh somma ta` hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) b`kawtela tad-decizjoni li `l quddiem taghti l-qorti, u fin-nuqqas ta` dan id-depozitu, il-Kummissarju jista` jzomm dan il-bastiment.*

*(3) M`hemm ebda jedd ta` azzjoni kontra l-Kummissarju ghal danni ikkagunati bil-hlas tad-depoztu jew billi jkun inzamm il-bastiment taht dan l-artikolu.*

*(4) Il-kelmiet "ufficjal responsabbli" f`dan l-artikolu jfissru lkaptan, l-ufficjali u l-inginieri ta` bastiment, u fil-kaz ta` bastiment awtorizzat ghat-trasport ta` passiggieri, il-purser jew ic-chief steward.*

*(5) Fil-kelma "traskuragni" jidhlu l-kazijiet li fihom oggetti, mhux tan-nies tal-ekwipagg, jigu misjuba f`post jew postijiet fejn birragun ma kienx imisshom gew imqieghda kieku l-ufficjali li jkollhom issorveljanza ta` dak il-post jew postijiet qaghdu attenti kif imiss, fiz-zmien tat-taghbija tal-bastiment jew wara.*

*(6) Il-kelma "purtata" tfisser it-tunnellagg nett ta` registru.*

Issir riferenza ghas-sentenza li tat din il-Qorti – **PA/JRM** – fit-23 ta` Ottubru 2014 fil-kawza "**Mario Falzon vs Direttur Generali (Dwana) et**"

Il-Qorti qalet hekk :-

*Illi ta` min jghid li l-artikolu 68(1) tal-Ordinanza jaghmel tassattiva l-konfiska tal-"bastimenti, vetturi jew mezz iehor ta` garr, flimkien maz-zwiemel jew annimali jew hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom" fil-kazijiet fejn oggetti li jkunu suggetti ghall-hlas ta` dazju li ma thallasx jistghu huma stess ikunu konfiskati. Dik id-dispozizzjoni tal-ligi ma ssemmi xejn dwar kemm imissu jkun il-valur tal-oggetti li d-dazju fuqhom ma jkunx thallas u lanqas ma ssemmi kriterji tal-valur tal-mezzi li fuqhom instabu jew ingarru dawk l-oggetti. Isemmi, madankollu, li l-**uzu tal-mezz tal-garr biex iwassal ghall-konfiska irid ikun "sar xjentement"**.*

*Fi kliem iehor, mezz ta` garr li jkun intuza ghall-importazzjoni, garr, tizmim, zbark jew habi ta` oggett jew li fih jinstab oggett li fuqu ma jkunx thallas dazju jigi konfiskat ikun kemm ikun jiswa l-oggett maqbud u jkun kemm ikun id-dazju li ma thallasx imbasta jintwera li l-uzu ta` dak il-mezz ta` garr sar b`gharfien jew intenzjoni minn min inqeda bih, ukoll jekk ma kienx sid il-mezz innifsu.*

*L-imsemmi artikolu 68 jaghmel parti minn dik it-Taqsima tal-Ordinanza li tippreskrivi l-pieni, n-natura tal-offizi mahsuba fl-istess Ordinanza u l-mod kif jitmexxew il-proceduri ghall-gbir tad-dazju u ghalhekk jippreskrivi sanzjoni ta` natura penali. Minbarra dan, huwa stabilit li d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 68 huma ligi specjali li tmur lil hinn mid-dispozizzjonijiet tal-ligi generali bhalma hu l-artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali*

…

*ghalkemm fir-rigward tad-Direttur intimat il-konfiska tal-vann hija tassattiva bla ma thallilu diskrezzjoni, ma jistax jinghad l-istess ghas-setghat ta` qorti fit-thaddim tal-imsemmi artikolu 68. Il-fatt li r-rikorrent innifsu nieda procedura taht l-artikolu 73 tal-istess Ordinanza jixhed li l-ligi nnifisha taghti rimedju ta` stharrig u diskrezzjoni li jistghu jwasslu biex, fi procedura ta` natura civili, l-qbid ta` xi oggett maghmul mid-Direttur intimat jista` jitwaqqa` billi l-Qorti tordna rrilaxx ta` dak l-oggett favur sidu, wara*

*procediment li fih sid il-haga nnifsu jista` jaghtiha ragunijiet tajbin biex taghzel li taghmel dan.*

*Li kieku l-artikolu 68(1) kien tabilhaqq jorbot idejn kull qorti, il-procedura mnedija mir-rikorrent kienet tkun biss wahda formali bla ghoti ta` rimedju sostantiv, li ma huwiex il-kaz.*

*Fit-tieni lok, il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent li l-kejl tal-proporzjonalita` jittiehed biss bejn il-valur tal-mezz tal-garr (bastiment, vettura jew bhima li tkun) u l-oggetti zdazjati li jinsabu fih jew fuqu: tifsira bhal dik tal-ligi tkun qieghda ggib fix-xejn l-ghan kollu li ghalih il-legislatur dahhal is-sanzjoni tal-artikolu 68 fil-qafas regolatur tal-ligi. L-argument tar-rikorrent iwassal ukoll ghal konkluzjonijiet xi ftit jew wisq assurdi, fis-sens li jekk x`hin jinstabu l-oggetti bla dazju dawn ikunu qrib jew ftit `il barra mdawrin mal-mezz tal- garr imma mhux fih, l-mezz tal-garr ma jistax jitqies li kien intuza ghall- garr, tizmim jew habi tal-istess oggetti. Dan kollu qieghed jinghad lil hinn mill-kwestjoni ta` min irid jipprova li dak il-mezz ta` garr kellu x`jaqsam mal-importazzjoni, garr, tizmim, habi jew zbark.*

*Fit-tielet lok, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet maghmulin mill-intimati fis-sens li l-ghan tal-artikolu 68 huwa wkoll dak li jahlaq deterrent ghat-twettiq ta` reat. Biex deterrent ikun tabilhaqq effettiv, irid joqros fil-laham il-haj u jwassal biex min ikun sejjer jaghmel xi haga bi ksur tal-ligi jahsibha darbtejn qabel ma jaghmilha, imqar jekk minhabba l-bizgha ta` dak li jista` jgarrab jekk jinqabad. B`dan il-mod, id-deterrent jgorr minnu nnifsu element barra min-normal li r-rikorrent, f`dan il-kaz tieghu, iqisu bhala sproporzjonat.* ***Madankollu, id-deterrent jigi jghodd biss jekk kemm-il darba xi hadd jahbat difru mal-ligi: kien ikun xort`ohra kieku s-sanzjoni tal-konfiska mahsuba fl-artikolu 68 tal-Ordinanza kienet tghodd ukoll ghal min ma jkunx kiser il-ligi. Izda din is-sanzjoni tghodd biss ghal min jikser il-ligi (u l-prova ta` dan trid issir minn min jallega l-ksur ta` dik il-ligi) u min jikser il-ligi qajla jista` jippretendi li jkun trattat bhallikieku l-ligi ma kisirhiex. Dan il-hsieb jista` jintrabat mal-massima nemo ex turpitudo eius oritur jus.*"** (enfazi mizjud)

Tirreferi wkoll ghas-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/SM**) fil-5 ta` Dicembru 2012 fil-kawza "**Mario Zammit et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana et**" fejn inghad :-

*Illi din is-socjeta` u x-xufier involut, kostantement ipprotestaw l-innocenza u l-estranita` taghhom millevazjoni doganali in dizamina;*

*Illi l-meritu tal-procedura de quo għalhekk jirrizulta li jippernja fuq il-fatt jekk id-Direttur Generali (Dwana) għandux, f'kaz bħal dak in dizamina, jikkonfiska l- "mechanical horse" u t-trailer uzati biex jiġi evaz id-dazju fuq il-merkanzija li ngarret bihom.*

*Illi skont l-istess Direttur Generali fuq indikat dan jista` jsir a bazi tal-artikolu 68 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta` Malta fuq ġia` riferit, u li fuqu effettivament straħ biex izomm l-imsemmija ngenji;*

*Illi dan l-artikolu 68 jistabbilixxi s-segwenti: " ...il-vetturi jew mezzi oħra ta` ġarr, flimkien maz-zwiemel jew ... ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni ... jew fil-ġarr ta` oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu ... suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati";*

*Illi għalhekk għandu jkun paċifiku li r-rekwizit prinċipi li għandu jiġi stabbilit mid-Dwana biex tkun awtorizzata tistrieħ fuq dan l-artikolu specifiku hu li l-atti hemm riferiti li jsiru bl-iskop ta` evazjoni ta` taxxa għandhom ikunu atti li saru **xjentement**."*

Deċizjoni relevanti għal din il-vertenza hija dik mogħtija mill-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Jannar 2016 fl-ismjiet "**Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa v. Kontrollur tad-Dwana"**

Hemm ir-rikorrent iddikjara li l-azzjoni kienet qegħda ssir skont l-Art 72 tal-Kap 37. Qal illi kien kompletament estraneu għall-allegat att kriminali.

Fir-risposta l-intimat eċċepixxa li l-qbid tal-bastiment sar skont il-liġi peress li fuq il-bastiment instabet kwantita` ta` sigaretti li fuqhom ma kienux tħallsu t-taxxi ta` importazzjoni. F'kazi bħal dawk, il-qbid hu tassattiv skont l-Art 68 tal-Kap 37, kif ukoll skont il-ġurisprudenza nostrani l-unika kwestjoni li trid tiġi esaminata hi jekk il-bastiment kienx il-mezz ta` ġarr tas-sigaretti li instabu f'Malta irregolarment.

L-Ewwel Qorti qalet hekk :-

*L-artikolu 68 tal-Kapitolu 37 (Ordinanza tad-Dwana) jesiġi li l-bastiment, li jkun intuza għall-ġarr ta` oġġetti, li fuqhom ma jkunx tħallas id-dazju, jiġi konfiskat. Għall-preċizjoni dan l-artikolu jipprovdi li bastiment li*

*jkun xjentement gie uzat fl-importazzjoni jew garr ta` oggetti li d-dazju fuqhom ma jkunx thallas, ghandu jigi konfiskat. Il-ligi ghalhekk tesigi li l-bastiment ikun gie "xjentement" usat ghall-importazzjoni jew garr ta oggetti li fuqhom ma thallax dazju. ..."L-azzjoni civili hija kompletament separata u indipendenti mill-azzjoni kriminali u kwindi din il-Qorti bl-ebda mod ma hi vinkolata jew limitata bid-decizjoni tal-Qorti Kriminali. Mhux bizzejjed li jirrizulta biss li lbastiment intuza biex jingarru hwejjeg li fuqhom ma kienx thallas dazju. Hemm diversi konsiderazzjonijiet ohra li ghandhom jisiru b`mod partikolari jekk l-istess hwejjeg setghux jitqiesu li kienu intizi li jigu importati gewwa Malta.*

*Il-Qorti tikkonsidra li fic-cirkostanzi prevalenti l-intimat mhux gustifikat legalment li jibqa jzomm maqbud ilbastiment. Dan qed jinghad fuq bazi ta` probabbilita` u mhux oltre kull dubju ragionevoli kif trid il-ligi.*

*Ghaldaqstant, l-ewwel Qorti rrilaxxat il-bastiment.*

Il-Qorti ta` l-Appell skartat il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti.

Il-Qorti tal-Appell wara li ccitat l-Art 68 tal-Kap 37 qalet hekk :-

*Jigi osservat mill-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghal-konfiska f`kaz ta` zbark jew importazzjoni izda sahansitra ghat-twarrib, zamma, habi jew semplici garr ta` hwejjeg li huma suggetti ghall-konfiska. Darba li fuq il-vapur kien hemm oggetti "suggetti ghall-konfiska" (ara wkoll lArtikolu 6(5) tal-imsemmija Ordinanza), il-konfiska tal-bastiment hija wahda mandatarja.*

*L-appellant gustament jishaq li taht din il-ligi specjali ma hemm l-ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kontemplata, fis-sens li ladarba jirrizulta ksur tal-provvediment talArtikolu 68, il-konfiska hemm imsemmija hija mandatarja, billi l-Kontrollur tad-Dwana ma nghata ebda diskrezzjoni.*

*Fil-fatt fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut illi: "Ghal fini tal-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti talAppell tas-27 ta` Frar 2003 in re:* ***"Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana"*** *tibqa` wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta` konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-*

*intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha" – ara Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tadDwana - deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fl-10 t`Ottubru 2005.*

*Jigi osservat ukoll illi x-xjenza o meno ta` sid il-bastiment jew sid ilvettura, skont il-kaz, ma ticcentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 t`Ottubru, 2010, fl-ismijiet **Helen Samantha Brett v. Kontollur tad-Dwana**:*

*"Illi minn qari ta` Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta` dak li jkun qieghed juza l-bastiment. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m`ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **"Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana"** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl- 10 ta` Ottubru 2005, kif ikkwotata b`approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F`dik is-sentenza l-Qorti spjegat b`mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f`Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata.*

*Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta` Ottubru 2008 fejn f`cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:*

*"Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li lattur ma kienx jaf x`inhu ghaddej u li l- operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies ohrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija wahda in rem u l-buonafede u innocenza tal-proprjetarju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita` tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddahhlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana deciza fis-27 ta` Frar, 2003**".*

*F`sentenza ohra recenti tat-13 ta` Novembru 2015, moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Farrugia v. Kontrollur tad-Dwana**, l-Qorti filwaqt li ghaddiet ir-rassenja ta` gurisprudenza hawn fuq imsemmija, ziedet:*

*"L-artikolu 68 tal-Kap. 39 ma jaghmilx distinzjoni jekk sid il-mezz tal-garr ikunx jaf jew le bl-attivita` kriminali...l-Artikolu 68 tal-Kap.37 ma jatix diskrezzjoni lill-Qorti, gialadarba ma jaghmilx distinzjoni bejn min iwettaq l-*

*att u s-sid tal-oggett li jinqabad mill-intimat. Hu minnu li l-ligi fl-Artikolu 73 tikkontempla procedura specjali sabiex persuna tipproponi kawza biex l-oggetti maqbuda jinhelsu, madankollu meta kaz jigi quddiem il-Qorti trid tapplika l-ligi sostantiva. Il-fatt li persuna tista` tikkontesta nota ta` qbid, il-Qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghal fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Jekk mill-provi jirrizulta li l-mezz tal-garr intuza xjentement fil-garr ta` oggetti li d-dazju taghhom ma thallasx, il-konfiska hi ex lege. L-artikolu 68 ma jipprovdix ghal eccezzjoni fil-kaz li sid ma kellux x`jaqsam f`reat".*

*Din il-Qorti taqbel pjenament ma` dak espost mill-Prim`Awla f`din is-sentenza. Illi nkwantu s-sottomissjoni tal-appellat illi l-Qorti tal-Appell Kriminali awtorizzat ir-rilaxx tal-bastiment, din ghamlitu "purche` l-ewwel tithallas il-multa u li jigu terminati definittivament il-proceduri civili pendenti", u kif rilevat mill-appellant, l-azzjoni kriminali hija distinta mill-azzjoni civili fis-sens li filwaqt li quddiem il-Qorti Kriminali l-prova ta` htija trid issir lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u sta ghall-prosekuzzjoni biex taghmilha, quddiem il-Qorti Civili, ladarba r-rikorrent qieghed jattakka lhrug tan-Nota ta` Qbid, sta ghalih li jgib il-prova mehtiega sabiex din ilQorti tiddeciedi fuq il-bazi ta` probabbilita` dwar jekk il-Kontrollur intimat kienx gustifikat li johrog in-nota kontestata u dan a bazi tal-ligi taddwana fuq il-konsiderazzjoni wahdanija dwar jekk il-mezz ta` garr intuzax xjentement sabiex fost affarijiet ohra, jingarru, jinzammu jew jinhbew oggetti li fuqhom ma thallasx id-dazju.*

*Inoltre l-Artikolu 72 (2) tal-Kap.37, jistabilixxi li l-procedimenti ghat-talba sabiex il-hwejjeg maqbuda jintraddu lura ghandha ssir quddiem il-Qorti civili kompetenti. Hawnhekk terga ssir referenza ghas-sentenza gia` kwotata fl-ismijiet* ***Francis Xuereb pro et noe. v. Kontrollur tad-Dwana*** *fejn fir-rigward jinghad ukoll:*

*"L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta` tal-vettura. In tema ghall-Artikolu 68 jinkombi fuqu li jgib prova li l-utent tal-vettura ma agixxiex "xjentement".*

*Skont principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-onus probandi jagrava dejjem fuq l-attur jew f`dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa` assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta` fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa rrikorrenti li jibqa` mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza talfatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni tal-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-*

*principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll tal-esigenza logika, illi l-addossar ta` dan l-istess piz jaqa` fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova tal-ezistenza ta` dak il-fatt.*

*Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma rnexxielux jiddemostra, ghas-sostenn tat-talba tieghu ta` rivendika, illi min ghamel uzu bil-vettura tieghu ghat-trasport ta` oggetti sdazjali ma kellux tabilhaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-Artikolu 68, u li jista` jitqies bhala sostratt baziku taghha. "Xjenza" din li, inversament, fil-proceduri kriminali kontra l-utent tal-vettura, jispetta lil prosekuzzjoni li tipprova u ssostni . Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib `il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b`konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37)".*

…

*Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li r-rikorrent appellat ma sehhlux jipprova fuq il-bazi ta` probabbilita`, in-nuqqas ta` xjenza tal-kaptan u dan bi ksur tad-dispozizzjoni in ezami. Kif rajna l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn ixxjenza tal-kaptan u dik ta` sid il-bastiment. Din il-Qorti ma taqbilx massottomissjoni tal-appellat fis-sens li ladarba ma jirrizultax li s-sigaretti kienu ser jigu zbarkati, u ma kien hemmx intenzjoni li s-sigaretti jigu importati jew spaccati ghal konsum fis-suq lokali, allura mhux il-kaz li ssigaretti sdazjati kienu llegali u l-mezz tat-trasport taghhom konfiskabbli. Huwa ritenut li ladarba l-bastiment serva sabiex xjentement jingarru u jinzammu sigaretti mistura li ma thallasx id-dazju fuqhom, is-sigaretti flimkien mal-mezz ta` garr ghandhom ikunu konfiskati skont il-ligi.*

*Konsegwentement jirrizulta li l-ewwel Qorti ma kienitx korretta meta flanalizi tal-ligi applikabbli ghall-fatti rizultanti fil-kaz odjern, ordnat ir-rilaxx tal-bastiment in kwistjoni, peress li kif rajna l-Qorti hija obbligata tapplika l-ligi sostantiva, li minnha jirrizulta tassattivament il-konfiska talbastiment fic-cirkostanzi in ezami, u dan in ottempranza tal-Artikolu 68 tal-imsemmi Kap. 37 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Ir-rikorrenti jishqu hafna li s-sanzjoni fl-Art 68 tal-Kap 37 tapplika biss ghal min jikser il-ligi u ghalhekk ladarba huma ma kinux konsapevoli ta` dak li qed isehh, dik is- sanzjoni mhijiex applikabbli ghalihom.

Ir-rikorrenti jghidu illi :-

(a) Joseph Azzopardi li kien inkarigat mix-xiri tal-fuel, dejjem xtara l-istess fuel minghand il-Koperattiva tas-Sajd nazzjonali u l-Koperattiva tas-Sajd u kien l-inginier Egizzjan li kien abbord li kien jinfurmah kemm kellu bzonn jixtri filwaqt li kien l-istess Egizzjan li jinfurmah kemm kien ghad fadal fuel malli d-dghajsa tasal lura mill-vjaggi tas-sajd. Gie allegat li dan dejjem wera buon volonta\` u anke ha r-receipts kollha ta\` dak il-fuel li nxtara lill-Ispettur li kienet qed tindaga l-kaz.

(b) Pawlu Bezzina kien jiehu hsieb il-manutenzjoni tal-bastiment.

(c) Albert Tabone kien jiehu hsieb l-marketing tal-hut.

Ghalhekk sar l-argument illi billi l-ebda wiehed mis-sidien ma kien ikun fuq il-bastiment waqt il-vjaggi, dak kellu jitqies bhala prova sufficjenti li l-ebda wiehed minnhom ma kienx konxju u konsapevoli ta\` dak li seta\` kien qed isehh abbord l-istess bastiment.

Il-Qorti sejra tiskarta bhala nfondat dan l-argument.

Din il-Qorti tghid illi – **konvenjentement** - l-inginier Egizzjan li allegatament kien jghaddi l-informazzjoni lil Joseph Azzopardi lanqas biss qatt issemma b\` ismu jew tressaq bhala xhud mir-rikorrenti biex jittentaw jiskulpaw ruhhom.

Ghal kuntrarju kien Joseph Azzopardi li kien jerfa\` r-responsabbilita\` li jaghmel dikjarazzjonijiet dwar il-*fuel* abbord u imbaghad issa qed jipprova jahrab mir-responsabbilita\` li ggib maghha tali dikjarazzjoni.

Qua sidien u diretturi ta\` Agostino Padre Limited, huma kienu responsabbli ghan-nies li jingaggaw sabiex imexxu l-interessi taghhom.

Joseph Azzopardi kien ben konsapevoli li kellu jiddikjara kwalunkwe *gasoil* sdazjat abbord il-abstiment tieghu.

B`zieda mal-premess, din il-Qorti tqis li huwa validu hafna l-fatt li minkejja li l-bastiment Agostino Padre kien allegatament qed jintuza ghal skopijiet ta` sajd u bhala tali kien igawdi minn allokazzjoni cioe` kwota ta` ammont sostanzjali ta` *gasoil* bid-dazju tas-SISA ridott, marbut mal-ammont ta` hut li effettivament jinqabad u jigi dikjarat mad-Dipartiment tas-Sajd, dawn qatt ma applikaw ghal tali allokazzjoni.

Huwa ferm sinjifikattiv illi minkejja li r-rikorrenti kienu eligibbli ghal beneficcju ta` ammont ta` *gasoil* sdazjat biex jintuza fit-thaddim tal-bastiment, dawn qatt ma applikaw ghal tali beneficcju.

Seta` kien hemm ragunijiet ohra ghalfejn ma iddikjarawx l-ammont kollu ta` *gasoil* sdazjat li eventwalment instab abbord il-bastiment Agostino Padre u ghalfejn ma saret l-ebda talba ghal ghoti tal-beneficcju fuq riferit.

Din il-Qorti tqis ukoll suspetti c-cirkostanzi tal-kaz fejn bastiment u trakk entrambi proprjeta` ta` wiehed mis-sidien tal-bastiment Agostino Padre instabu fejn il-bastiment Agostino Padre.

Irrizulta li l-bastiment Gold Finder kien qieghed qrib Agostino Padre u mbaghad kien hemm ipparkjat fejnhom ftit metri boghod it-trakk li kien mghotti b` ramel tal-kostruzzjoni u li kien tnehhielu t-tail lift sabiex minflok tpoggew fih tankijiet mohbija taht ir-ramel.

Irrizulta wkoll li dan it-trakk ma kienx awtorizzat igorr likwidi perikoluzi minkejja li fit-tankijiet tieghu instab ammont ta` likwidu li kien imhallat bil-*gasoil* li tnizzel minn abbord il-bastiment Agostino Padre. Jigi sollevat ukoll li instab ukoll pipe twil qrib ferm tal-bastiment Gold Finder fil-hin tal-akkadut, ossija 30 ta` Novembru 2015.

Din il-Qorti mhijiex konvinta li r-rikorrenti ma kinux jafu dwar l-uzu li kien qed isir mill-bastiment Agostino Padre.

Ic-cirkostanzi cirkondati dak li sehh huma ferm dubbjuzi u iktar minn hekk, jekk verament ir-rikorrenti ma kinux konsapevoli ta` dak li kien qed isehh allegatament ad insaputa taghhom mill-ekwipagg abbord, dawn ma messhomx regghu nkarigaw l-istess ekwipagg wara li l-bastiment kien gie

rilaxxat b` ordni tal-Magistrat Inkwirenti. L-ingagg ta` l-istess ekwipagg ikompli jindika li r-rikorrenti kienu fi ftehim maghhom ghal dak li qed isehh, peress li kieku ma kellhomx x` jaqsmu, ir-rikorrenti kienu jiddissjocaw ruhhom minn tali ekwipagg u mhux jergghu jinkarigawhom fuq xoghol iehor.

**Ghal ghajnejn din il-Qorti, kien jissussisti l-element tax-xjenza kontemplat fl-Artikolu 68(1) tal-Kap 37.**

**(2) L-allegazzjoni li l-kaptan u l-inginier tal-bastiment Agostino Padre huma mahrubin**

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti ghamlu enfazi shih fuq il-fatt li l-kaptan tal-bastiment u l-inginier tal-bastiment, ilkoll ta` nazzjonalita` barranija, harbu minn Malta u ma jistghux jinstabu.

Madanakollu, din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata peress li qatt ma ssemma li kienu harbu waqt is-smigh tal-provi u addirittura, l-istess rikorrenti qalu li kienu regghu inkarigaw l-istess ekwipagg wara li l-vapur kien rilaxxjat.

Inoltre, anke li kieku tassew il-Kaptan u l-Inginier tal-bastiment Agostino Padre tassew harbu minn Malta, din il-Qorti tara li huwa kemmxejn fjakk l-argument li ghax dawn harbu, allura li huma hatja ghal dak li gara u li r-rikorrenti qua sidien tal-bastiment, ma kellhom x` jaqsmu xejn ma` dak li gara u huma innocenti.

**(3) Differenza fil-kejl tal-*fuel***

Ir-rikorrenti argumentaw ukoll li t-talba taghhom ghar-rilaxx tal-bastiment ghandha tigi akkolta peress li mix-xiehda ta` l-Ing. Karl Briffa rrizulta li kien hemm kontradizzjoni fl-ammont ta` *fuel* li nstab abbord l-Agostino Padre bejn l-ewwel spezzjoni li saret f` Dicembru 2013 u l-ohra li saret f` April 2014.

Skont il-provi akkwiziti, irrizulta li fl-ewwel okkazzjoni, l-Ing. Briffa kien kejjel 17,900 litri abbord.

Izda imbaghad meta nhatt kollox mill-bastiment Agostino Padre in segwitu ghad-digriet tal-Magistrat Inkwirenti ghar-rilaxx tal-bastiment, il-kwantita` ta` *fuel* abbord irrizulta li kien ferm akbar, precizament 28,920 litri.

Din il-Qorti ma taqbilx li din id-differenza fl-ammonti ta` *fuel* bejn l-ewwel u t-tieni spezzjoni fuq id-dghajsa tassisti lir-rikorrenti fit-talba taghhom.

Mix-xhieda ta` l-Ing. Briffa, irrizulta li huwa t-tieni qari li kien aktar preciz peress li f`dik l-okkazzjoni, il-*fuel* kien inhatt kollu u ghalhekk seta` jittiehed qari ahjar.

Fl-ewwel okkazzjoni, l-Ing. Briffa kellu joqghod fuq l-informazzjoni li nghata mill-inginier Egizzjan li kien hemm abbord il-bastment kif ukoll fuq markers li kien hemm mat-tankijiet li kien hemm fihom il-*fuel.*

Irrizulta wkoll li l-Ing. Briffa talab dokumentazzjoni minghand l-inginier Egizzjan dwar l-allegazzjoni ta` l-istess li t-tankijiet kienu jitnaddfu kull tlett xhur u li l-*fuel* hazin kien jintefa` fit-tankijiet il-mahmugin, izda dan baqa` ma nghata xejn.

Barra minn hekk, l-Ing. Briffa wera t-thassib tieghu dwar il-veracita` ta` l-allegazzjoni li t-tankijiet kienu jitnaddfu kull tlett xhur u dana peress li f` bastiment tas-sajd, dan ma jkunx mehtieg daqstant frekwenti.

Jigi rilevat ukoll li milli xehed l-Ing. Briffa irrizulta wkoll illi l-inginier Egizzjan kien indikalu wkoll tank bhala vojt waqt l-ewwel access, meta fit-tieni access irrizulta li dan it-tank kien mimli.

Huwa minnu li d-differenza bejn l-ewwel u t-tieni kejl hija wahda ferm sostanzjali.

Madanakollu, bejn l-ewwel u t-tieni kejl, il-bastiment kien maqbud b` ordni tal-Magistrat inkwirenti u kull access li sehh fuq dan il-bastiment, kien biss b` ordni tal-Magistrat Inkwirenti.

**(4)** **<u>Rilaxx tal-bastiment</u>**

Ir-rikorrenti argumentaw ukoll illi ladarba d-dghajsa giet riljaxxata kien ifisser li ma kienx hemm li d-dghajsa tibqa` ssekwestrata u ghalhekk la dawn il-kundizzjonijiet dejjem gew imharsa, ma hemm ebda raguni valida fil-ligi li d-dghajsa terga` tigi maqbuda.

Din il-Qorti tara li r-rilaxx tad-dghajsa sar taht kundizzjonijiet stretti u limitati ferm.

Hija kkunsidrat ukoll li fil-mori tal-kawza saru diversi arrangamenti li huma kemmxejn dubbjuzi partikolarment, meta gew trasferiti l-ishma kollha tal-kumpanija Agostino Padre Limited lill-avukat li qed tippatrocina lir-rikorrenti fil-kawza tal-lum.

Irrizulta mill-provi li Agostino Padre Limited ghandha biss bhala assi l-bastiment Agostino Padre.

Fid-dawl li kien hemm ordni stretta illi dan il-bastiment ma jigix trasferit, din il-Qorti tara li r-rikorrenti ppruvaw jevitaw li jiksru din l-ordni.

Agir ta` din ix-xorta m`ghandux ikun accettabbli.

**Din il-Qorti mhijiex sejra tilqa` t-tielet talba.**

Bhala osservazzjoni finali, fin-nota ta`sottomissjonijiet tal-intimat, jinghad illi fl-1 ta` April saret talba ai termini tal-Artikolu 72(4) tal-Kap 37 minn Joseph Azzopardi, Albert Tabone u Paul Bezzina lid-Direttur Generali (Dwana) sabiex l-Agostino Padre ikun rilaxxat in sostituzzjoni ta` garanzija bankarja ta` EUR 50,000 li tissostitwixxi l-bastiment Agostino Padre skont il-ligi.

Jinghad ukoll kien prezentat Bank Draft tal-Bank of Valletta bin-numru 151243 ghall-imsemmi ammont biex jaghmel tajjeb ghal kull pretensjoni li jista` jintalab dwaru skont il-ligi.

Apparti ghal din id-dikjarazzjoni fin-nota ta` sottomissjonijiet, ma tressqu l-ebda provi ohra dwar din il-garanzija bankarja u lanqas ma saret xi talba sabiex it-tielet talba tkun tirrifletti talba dwar ir-rilaxx ta` din il-garanzija bankarja minflok il-bastiment.

Il-Qorti hadet konjizzjoni ta` dak li ntqal minnha fil-kawza (**PA/AE**) fit-3 ta` Ottubru 2014 fil-kawza "**Anthony Zammit et vs Direttur Generali (Dwana)**" fejn fil-mori tar-rikors guramentat inharget garanzija bankarja ai termini tal-Artikolu 72(4) tal-Kap 37 li tghid : *"ghandha tinzamm biex taghmel tajjeb ghal kull pretensjoni li jista` jintalab dwarha skont il-ligi u ghall-fini ta` kull procedimenti mehuda taht din l-Ordinanza dwar l-oggetti maqbuda, ghandha tirraprezenta u tissostitwixxi l-oggetti maqbuda msemmija."* Hemm inghad illi : *"ghalhekk jidher li llum it-talba ghar-rilaxx tal-vettur u zewg bowsers ma` ghadhiex flokha ghaliex hemm il-garanzija u d-decizjoni tal-qorti ser tkun proprju dwarhom li fir-realita` jekwivali ghall-ingenji."*

**Fid-dawl tal-premess, fl-eventwalita` li verament inharget tali garanzija bankarja, dak li l-Qorti ddecidiet dwar it-tielet talba in konnessjoni mal-bastiment Agostino Padre ghandu jghodd ukoll ghal dak li ghandu x` jaqsam ma` l-garanzija bankarja fuq riferita li fir-realta` jekk hekk ezistenti, tirraprezenta u tissostitwixxi l-bastiment Agostino Padre.**

## Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni dwar it-talbiet kif dedotti fir-rigward tan-nota ta` qbid bin-nru 188/2015.**

**Ghalhekk qeghda tichad it-talbiet kif dedotti fir-rigward tan-nota ta` qbid bin-nru 188/2015. Bhala konsegwenza, qeghda tichad it-tieni talba.**

**Tilqa` t-tieni eccezzjoni billi tghid illi ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tiddetermina materji ta` natura kostituzzjonali jew konvenzjonali.**

**Tilqa` l-eccezzjoni fil-mertu.**

**Tichad it-tielet talba.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**